



**Anness VIII l-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni
dwar l-‘Operazzjonijiet bl-Ajru — OPS’**

Parti-SPO — IR

Werrej

Parti-SPO — IR	9
SPO.GEN.005 Kamp ta' applikazzjoni	9
Subparti A — Rekwiżiti ġenerali	9
SPO.GEN.100 Awtorità kompetenti	9
SPO.GEN.101 Mezzi ta' konformità	10
SPO.GEN.102 Gliders bil-mutur tat-touring u gliders bil-mutur.....	10
SPO.GEN.105 Responsabbiltajiet tal-ekwipaġġ	10
SPO.GEN.106 Responsabbiltajiet tal-ispeċjalisti tal-kompiti	11
SPO.GEN.107 Responsabbiltajiet u awtorità tal-bdot fil-kmand.....	11
SPO.GEN.108 Responsabbiltajiet u awtorità tal-bdot fil-kmand — blalen tal-arja ...	13
SPO.GEN.110 Konformità ma' liġijiet, regolamenti u proċeduri	13
SPO.GEN.115 Lingwa komuni	13
SPO.GEN.120 Sewqan ta' ajruplani (taxiing)	13
SPO.GEN.125 Attivazzjoni tar-rotor	14
SPO.GEN.130 Strumenti elettroniċi portabbli	14
SPO.GEN.135 Tagħrif dwar tagħmir ta' emerġenza u sopravvivenza li jinġarr.....	14
SPO.GEN.140 Dokumenti, manwali u tagħrif li jridu jinġarru	14
SPO.GEN.145 Ġurnal tal-vjaġġi — operazzjonijiet mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru li mhmwiex ingeni tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur	15
SPO.GEN.150 Preservazzjoni, produzzjoni u użu ta' reġistrazzjonijiet tar-reġistratur tat-titjira — operazzjonijiet b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur.....	15
SPO.GEN.155 It-trasport ta' oġġetti perikolużi	16
SPO.GEN.160 Ir-rilaxx ta' oġġetti perikolużi.....	17
SPO.GEN.165 Ġarr u użu ta' armi.....	17
SPO.GEN.170 Reazzjoni immedjata għal problema ta' sigurtà	17
SPO.GEN.175 Lista tat-tagħmir minimu — operazzjonijiet mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru li mhumiex ingeni tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur	17
Subparti B — Proċeduri operattivi.....	18
SPO.OP.100 Użu ta' ajrudromi u siti operattivi	18
SPO.OP.105 Speċifikazzjoni ta' ajrudromi iżolati — ajruplani.....	18
SPO.OP.110 Il-valuri operattivi minimi ta' ajrudrom — ajruplani u ħelikopters.....	18

SPO.OP.111	Valuri operattivi minimi ta' ajrudrom — NPA, APV, operazzjonijiet ta' CAT I	19
SPO.OP.112	Valuri operattivi minimi tal-ajrudrom — operazzjonijiet ta' dawran b'ajruplani.....	20
SPO.OP.113	Valuri operattivi minimi tal-ajrudrom — operazzjonijiet ta' dawran fuq l-art b'ħelikopters	21
SPO.OP.115	Proċeduri ta' tluq u avviċinament — ajruplani u ħelikopters	21
SPO.OP.120	Proċeduri ta' tnaqqis tal-ħoss.....	21
SPO.OP.121	Proċeduri ta' tnaqqis tal-ħoss — blalen tal-arja	21
SPO.OP.125	Altitudnijiet minimi ta' kklirjar tal-ostakli — Titjiriet IFR.....	21
SPO.OP.130	Provvista ta' fjuwil u żejt — ajruplani.....	22
SPO.OP.131	Provvista ta' fjuwil u żejt — ħelikopters	22
SPO.OP.132	Provvista u ppjanar ta' fjuwil u sabborra — blalen tal-arja.....	23
SPO.OP.135	Tagħrif f'sintezi dwar is-sikurezza.....	23
SPO.OP.140	Tħejjija għat-titjira	24
SPO.OP.145	Ajrudromi alternattivi ta' tluġħ — ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur.....	24
SPO.OP.150	Ajrudromi ta' destinazzjoni alternattivi — ajruplani.....	24
SPO.OP.150	Ajrudromi ta' destinazzjoni alternattivi — ħelikopters.....	25
SPO.OP.155	Riforniment ta' karburant waqt li l-passiġġiera jkunu qegħdin jimbaraw, meta dawn ikunu abbord jew qed jiżbarkaw.....	26
SPO.OP.160	Użu ta' kuffji tal-widna.....	26
SPO.OP.165	Tipjip.....	26
SPO.OP.170	Kundizzjonijiet meteoroloġiċi	26
SPO.OP.175	Silġ u kontaminanti oħrajn — proċeduri ta' fuq l-art.....	26
SPO.OP.175	Silġ u kontaminanti oħrajn — proċeduri tat-titjira.....	27
SPO.OP.110	Il-kundizzjonijiet tat-tluġħ — ajruplani u ħelikopters	27
SPO.OP.110	Il-kundizzjonijiet tat-tluġħ — blalen tal-arja.....	27
SPO.OP.185	Sitwazzjonijiet anormali simulati matul it-titjira.....	27
SPO.OP.190	Ġestjoni tal-karburant matul it-titjira	27
SPO.OP.195	Użu ta' ossiġnu supplimentali.....	28
SPO.OP.200	Detezzjoni ta' prossimità lejn l-art.....	28
SPO.OP.205	Sistema ta' evitar ta' kolliżjoni fl-ajru (ACAS) — ajruplani u ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur	28
SPO.OP.110	Il-kundizzjonijiet ta' avviċinament u nżul — ajruplani u ħelikopters....	29
SPO.OP.110	Bidu u ssoktar ta' avviċinament — ajruplani u ħelikopters	29

SPO.OP.225	Limitazzjonijiet operattivi — blalen tal-arja li jaħdmu b'arja sħuna....	29
SPO.OP.230	Proċeduri operattivi standard	29
Subparti Ċ — Prestazzjoni u limitazzjonijiet operattivi tal-inġenji tal-ajru.....		30
SPO.POL.100	Limitazzjonijiet operattivi — l-inġenji kollha tal-ajru	30
SPO.POL.105	Massa u bilanċ.....	30
SPO.POL.110	Sistema ta' massa u bilanċ — operazzjonijiet kummerċjali b'ajruplani u ħelikopters u operazzjonijiet mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur	31
SPO.POL.110	Dokumentazzjoni u dejta tal-massa u l-bilanċ — operazzjonijiet kummerċjali b'ajruplani u ħelikopters u operazzjonijiet mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur	31
SPO.POL.116	Dejta u dokumentazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ — eżenzjonijiet parzjali	32
SPO.POL.120	Prestazzjoni — ġenerali	32
SPO.POL.125	Limitazzjonijiet fil-massa tat-tlugħ — ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur.....	32
SPO.POL.130	Tlugħ — ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur	33
SPO.POL.135	Matul it-titjira — magna waħda inoperattiva — ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur	33
SPO.POL.130	Inżul — ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur	33
SPO.POL.145	Kriterji tal-prestazzjoni u operattivi — ajruplani	34
SPO.POL.146	Kriterji tal-prestazzjoni u operattivi — ħelikopters	34
Subparti D — Strumenti, dejta u tagħmir		35
Sezzjoni 1 — Ajruplani.....		35
SPO.IDE.A.100	Strumenti u tagħmir — ġenerali	35
SPO.IDE.A.105	Tagħmir minimu għat-titjira.....	36
SPO.IDE.A.110	Fjusis elettriċi żejda.....	36
SPO.IDE.A.115	Dwal operattivi	36
SPO.IDE.A.120	Operazzjonijiet skont il-VFR — strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni u tagħmir assoċjat	36
SPO.IDE.A.125	Operazzjonijiet skont l-IFR — strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni u tagħmir assoċjat	37
SPO.IDE.A.126	Tagħmir addizzjonali għal operazzjoni bi bdot wieħed skont l-IFR..	39
SPO.IDE.A.130	Sistema ta' twissija għal attenzjoni għall-art (TAWS)	39
SPO.IDE.A.131	Sistema ta' prevenzjoni ta' ħabtiet fl-ajru (ACAS).....	39
SPO.IDE.A.132	Tagħmir abbord għall-identifikazzjoni tat-temp — ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur	39

SPO.IDE.A.133	Tagħmir addizzjonali għal operazzjonijiet f'kundizzjonijiet ta' formazzjoni tas-silġ bil-lejl — ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur	39
SPO.IDE.A.135	Sistema ta' telefonija interna għall-ekwipaġġ tat-titjira	39
SPO.IDE.A.140	Reġistratur tal-vuċi fil-kokpit	40
SPO.IDE.A.145	Reġistratur tad-dejta tat-titjira	40
SPO.IDE.A.150	Reġistrazzjoni li tikkollega d-dejta	41
SPO.IDE.A.155	Reġistratur ikkombinat tad-dejta tat-titjira u tal-vuċi fil-kokpit.....	42
SPO.IDE.A.160	Sedili, ċinturini tas-sigurtà tas-sedili u sistemi ta' rbit	42
SPO.IDE.A.165	Kitt tal-ewwel għajnuna	42
SPO.IDE.A.170	Ossigġu supplimentali — ajruplani ppressati	42
SPO.IDE.A.175	Ossigġu supplimentali — ajruplani mhux ippressati	43
SPO.IDE.A.180	Pompi tal-idejn għat-tifi tan-nar.....	43
SPO.IDE.A.181	Mannari ta' salvataġġ u traversi	44
SPO.IDE.A.185	Immarkar ta' postijiet fejn jista' jkun hemm dħul	44
SPO.IDE.A.190	Transmitter li jillocalizza l-emerġenzi (ELT)	44
SPO.IDE.A.195	Titjira fuq l-ilma	44
SPO.IDE.A.200	Tagħmir ta' sopravvivenza.....	45
SPO.IDE.A.205	Tagħmir protettiv individwali	46
SPO.IDE.A.210	Kuffji tal-widna	46
SPO.IDE.A.215	Tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju.....	46
SPO.IDE.A.220	Tagħmir għan-navigazzjoni	46
SPO.IDE.A.225	Transponder	47
Sezzjoni 2 — Helicopters.....		48
SPO.IDE.H.100	Strumenti u tagħmir — ġenerali.....	48
SPO.IDE.H.105	Tagħmir minimu għat-titjira	48
SPO.IDE.H.115	Dwal operattivi	49
SPO.IDE.H.120	Operazzjonijiet skont il-VFR — strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni u tagħmir assoċjat	49
SPO.IDE.H.125	Operazzjonijiet skont l-IFR — strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni u tagħmir assoċjat	50
SPO.IDE.H.126	Tagħmir addizzjonali għal operazzjoni bi bdot wieħed skont l-IFR.....	51
SPO.IDE.H.132	Tagħmir abbord għall-identifikazzjoni tat-temp — ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur	51
SPO.IDE.H.133	Tagħmir addizzjonali għal operazzjonijiet f'kundizzjonijiet ta' formazzjoni tas-silġ bil-lejl — ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur	51

SPO.IDE.H.135	Sistema ta' telefonija interna għall-ekwipaġġ tat-titjira	51
SPO.IDE.H.140	Reġistratur tal-vuċi fil-kokpit	52
SPO.IDE.H.145	Reġistratur tad-dejta tat-titjira	52
SPO.IDE.H.150	Reġistrazzjoni li tikkollega d-dejta	53
SPO.IDE.H.155	Reġistratur ikkombinat tad-dejta tat-titjira u tal-vuċi fil-kokpit	53
SPO.IDE.H.160	Sedili, ċinturini tas-sigurtà tas-sedili u sistemi ta' rbit	53
SPO.IDE.H.165	Kitt tal-ewwel għajnuna	54
SPO.IDE.H.175	Ossiġenu supplimentali — ħelikopters mhux ippressati	54
SPO.IDE.H.180	Pompi tal-idejn għat-tifi tan-nar	54
SPO.IDE.H.185	Immarkar ta' postijiet fejn jista' jkun hemm dħul	55
SPO.IDE.H.190	Transmitter li jillocalizza l-emerġenzi (ELT)	55
SPO.IDE.H.195	Titjir fuq l-ilma — ħelikopters li mhumiex ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur	55
SPO.IDE.H.197	Ġkieket ta' salvataġġ — ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur	56
SPO.IDE.H.198	Ilbies ta' salvataġġ — ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur	56
SPO.IDE.H.199	Ġattiriet ta' salvataġġ, ELTs ta' salvataġġ u tagħmir ta' salvataġġ fuq titjiriet estiżi fuq l-ilma — ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur	57
SPO.IDE.H.200	Tagħmir ta' sopravvivenza	57
SPO.IDE.H.201	Rekwiżiti addizzjonali għall-ħelikopters li jwettqu operazzjonijiet 'il barra mix-xtut f'żona ta' baħar ostili — ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur	58
SPO.IDE.H.202	Helicopters iċċertifikati biex joperaw fuq l-ilma — tagħmir varju	58
SPO.IDE.H.203	Il-ħelikopters kollha f'titjiriet fuq l-ilma — inżul ta' emerġenza	59
SPO.IDE.H.205	Tagħmir protettiv individwali	59
SPO.IDE.H.210	Kuffji tal-widna	59
SPO.IDE.H.215	Tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju	59
SPO.IDE.H.220	Tagħmir għan-navigazzjoni	60
SPO.IDE.H.225	Transponder	60
Sezzjoni 3 — Gliders		61
SPO.IDE.S.100	Strumenti u tagħmir — ġenerali	61
SPO.IDE.S.105	Tagħmir minimu għat-titjira	61
SPO.IDE.S.120	Operazzjonijiet skont il-VFR — strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni	61
SPO.IDE.S.120	Titjiriet fl-Isħab — strumenti tat-titjir u tan-navigazzjoni	62
SPO.IDE.S.125	Sedili u sistemi ta' trażżin	62

SPO.IDE.S.130	Ossigñu supplimentali	62
SPO.IDE.S.135	Titjira fuq l-ilma	63
SPO.IDE.S.140	Tagħmir ta' sopravvivenza.....	63
SPO.IDE.S.145	Tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju.....	63
SPO.IDE.S.150	Tagħmir għan-navigazzjoni	63
SPO.IDE.S.155	Transponder	63
Sezzjoni 4 — Blalen tal-arja		64
SPO.IDE.B.100	Strumenti u tagħmir — ġenerali	64
SPO.IDE.B.105	Tagħmir minimu għat-titjira.....	64
SPO.IDE.B.110	Dwal operattivi	64
SPO.IDE.B.115	Operazzjonijiet skont il-VFR — strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni u tagħmir assoċjat	65
SPO.IDE.B.120	Kitt tal-ewwel għajnuna	65
SPO.IDE.B.121	Ossigñu supplimentali	65
SPO.IDE.B.125	Pompi tal-idejn għat-tifi tan-nar.....	65
SPO.IDE.B.130	Titjira fuq l-ilma	66
SPO.IDE.B.135	Tagħmir ta' sopravvivenza.....	66
SPO.IDE.B.140	Tagħmir mixxelanju.....	66
SPO.IDE.B.145	Tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju.....	66
SPO.IDE.B.150	Transponder	66
Subparti E — Rekwiżiti ġenerali.....		67
Sezzjoni 1 — Operazzjonijiet ta' tagħbija biċ-ċinga esterna bil-ħelikopter (HESLO)		67
SPO.SPEC.HESLO.100	Proċeduri operattivi standard	67
SPO.SPEC.HESLO.105	Tagħmir speċifiku għall-HESLO.....	67
SPO.SPEC.HESLO.110	It-trasport ta' oġġetti perikolużi	67
Sezzjoni 2 — Operazzjonijiet ta' bnedmin bħala merkanzija esterna (HEC).....		68
SPO.SPEC.HEC.100	Proċeduri operattivi standard.....	68
SPO.SPEC.HEC.105	Tagħmir speċifiku għall-HEC	68
Sezzjoni 3 — Operazzjonijiet bil-paraxut (PAR).....		68
SPO.SPEC.PAR.100	Proċeduri operattivi standard	68
SPO.SPEC.PAR.105	Ġarr ta' membri tal-ekwipaġġ u speċjalisti tal-kompiti.....	69
SPO.SPEC.PAR.110	Sedili	69
SPO.SPEC.PAR.115	Ossigñu supplimentali	69

SPO.SPEC.PAR.120	Titjira fuq l-ilma	69
SPO.SPEC.PAR.125	Ir-rilaxx ta' oġġetti perikolużi	69
Sezzjoni 4 — Titjiriet ajrubatiċi (ABF)		70
SPO.SPEC.ABF.100	Proċeduri operattivi standard	70
SPO.SPEC.ABF.105	Dokumenti, manwali u tagħrif li jridu jinġarru	70
SPO.SPEC.ABF.115	Kitt tal-ewwel għajnuna	70
SPO.SPEC.ABF.120	Pompi tal-idejn għat-tifi tan-nar	70

Parti-SPO — IR**SPO.GEN.005 Kamp ta' applikazzjoni**

- (a) L-operazzjonijiet speċjalizzati jinkludu l-attivitajiet li ġejjin:
- (1) operazzjonijiet ta' tagħbija esterna bil-ħelikopter;
 - (2) operazzjonijiet ta' sħarriġ bil-ħelikopter;
 - (3) operazzjonijiet ta' bnedmin bħala merkanzija esterna;
 - (4) operazzjonijiet bil-paraxut u skydiving;
 - (5) titjiriet agrikoli;
 - (6) titjiriet ta' fotografija mill-ajru;
 - (7) irmunkar ta' gliders;
 - (8) titjiriet ta' reklamar fl-ajru;
 - (9) titjiriet ta' kalibrazzjoni;
 - (10) titjiriet ta' ħidma ta' kostruzzjoni, inklużi operazzjonijiet ta' kkoradar tal-linji tal-provvista tal-enerġija, operazzjonijiet ta' deforestazzjoni;
 - (11) ħidma relatata mat-tixrid ta' żejt;
 - (12) operazzjonijiet ta' tħaffir f'valangi;
 - (13) operazzjonijiet ta' sħarriġ, inklużi operazzjonijiet ta' mmappjar mill-ajru, attività ta' kontroll tat-tniġġis;
 - (14) titjiriet tal-midja tal-aħbarijiet, titjiriet għat-televiżjoni jew films;
 - (15) titjiriet għal avvenimenti speċjali, fosthom inklużi wirjiet ta' titjir u titjiriet ta' kompetizzjoni;
 - (16) titjiriet għal merħliet u salvataġġ ta' annimali, u titjiriet veterinarji ta' nżul;
 - (17) operazzjonijiet funerarji marittimi;
 - (18) titjiriet għal riċerka xjentifika (minbarra dawk tal-Anness II tar-Regolament Nru 216/2008);
 - (19) cloud seeding.
- (b) Kwalunkwe attività oħra li taqa' taħt id-definizzjoni ta' 'operazzjonijiet speċjalizzati' għandha tiġi rregolata minn din il-Parti.

Subparti A — Rekwiżiti ġenerali**SPO.GEN.100 Awtorità kompetenti**

L-awtorità kompetenti għandha tkun l-awtorità magħżula mill-Istat Membru li fih l-operatur għandu s-sede prinċipali tiegħu jew fejn qiegħed jgħix.

SPO.GEN.101 Mezzi ta' konformità

Operatur jista' juża mezzi alternattivi ta' konformità minn dawk adottati mill-Aġenzija biex jistabbilixxi konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008¹ u r-Regoli Implimentattivi tiegħu.

SPO.GEN.102 Gliders bil-mutur tat-touring u gliders bil-mutur

(a) Il-gliders bil-mutur tat-touring għandhom jiġu operaturi filwaqt li jiġu segwiti r-
rekwiżiti għal:

- (1) l-ajruplani meta jitħaddmu bil-mutur permezz ta' magna; u
- (2) gliders meta jiġu operati mingħajr ma tintuża magna.

(b) Il-gliders bil-mutur tat-touring għandhom ikunu mgħammra skont ir-
rekwiżiti applikabbli għall-ajruplani.

(c) Il-gliders bil-mutur għandhom ikunu operati u mgħammra skont ir-
rekwiżiti applikabbli għall-gliders.

SPO.GEN.105 Responsabbiltajiet tal-ekwipaġġ

(a) Il-membru tal-ekwipaġġ għandu jkun responsabbli għall-eżekuzzjoni korretta tal-
kompiti tiegħu li huma speċifikati fil-proċeduri operattivi standard (SOPs - Standard
Operating Procedures) u, fejn xieraq, fil-manwal tal-operazzjonijiet.

(b) B'eċċezzjoni għall-blalen tal-arja, matul il-fażijiet kritiċi tat-titjiriet jew kull meta dan
jitqies neċessarju mill-bdot fil-kmand fl-interess tas-sikurezza, il-membru tal-ekwipaġġ
għandu jinżamm fl-istazzjon assenjata lilu sakemm ma jkunx speċifikat b'xi mod ieħor
fl-SOP.

(c) Matul it-titjira, il-membru tal-ekwipaġġ tat-titjira għandu jżomm iċ-ċinturin tas-sigurtà
tiegħu maqful meta jkun fl-istazzjon tiegħu.

(d) Matul it-titjira, tal-inqas membru tal-ekwipaġġ tat-titjira wieħed li jkun ikkwalifikat
għandu jibqa' fil-kontrolli tal-inġenju tal-ajru l-ħin kollu.

(e) Il-membru tal-ekwipaġġ ma għandux iwettaq kompiti fuq inġenju tal-ajru:

- (1) jekk jaf jew jissuspetta li qiegħed isofri minn għeja kif imsemmi f'7.f tal-Anness
IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008 jew b'xi mod ieħor iħoss li ma jstax
iwettaq il-kompiti tiegħu; jew
- (2) meta jkun taħt l-influwenza ta' sustanzi psikoattivi jew alkoħol jew għal raġunijiet
oħrajn kif imsemmi f'7.g tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

(f) Il-membru tal-ekwipaġġ li jwettaq kompiti għal iktar minn operatur wieħed għandu:

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE. *ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1*, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009, *ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51*.

- (1) iżomm ir-rekords individwali tiegħu rigward il-ħinijiet ta' titjir u xogħol u l-perjodi ta' mistrieħ kif imsemmi fl-Anness III (Parti-ORO), is-Subparti FTL għar-Regolament (UE) Nru xxx/XXXX, jekk applikabbli; u
 - (2) jipprovdi lil kull operatur bid-dejta meħtieġa sabiex l-attivitajiet jiġu skedati skont ir-rekwiżiti applikabbli tal-FTL.
- (g) Il-membri tal-ekwipaġġ għandu jirraporta għand il-bdot fil-kmand:
- (1) kwalunkwe nuqqasijiet, ħsara, funzjonamenti ħżiena jew difetti, li jemmen li jistgħu jafettwaw l-ajrunavigabbiltà jew l-operazzjoni sikura tal-inġenju tal-ajru, inklużi s-sistemi ta' emerġenza; u
 - (2) kwalunkwe inċident li jitfa' friskju, jew li jista' jitfa' friskju, is-sikurezza tal-operazzjoni.

SPO.GEN.106 Responsabbiltajiet tal-ispeċjalisti tal-kompiti

- (a) L-ispeċjalist tal-kompitu għandu jkun responsabbli għall-eżekuzzjoni korretta tal-kompiti tiegħu li huma speċifikati fil-proċeduri operattivi standard (SOPs).
- (b) B'eċċezzjoni għall-blalen tal-arja, matul il-fażijiet kritiċi tat-titjiriet jew kull meta dan jittqies neċessarju mill-bdot fil-kmand fl-interess tas-sikurezza, l-ispeċjalist tal-kompitu għandu jinżamm fl-istazzjon assenjata lilu sakemm ma jkunx speċifikat b'xi mod ieħor fl-SOP.
- (ċ) L-ispeċjalist tal-kompitu għandu jiżgura li jkun marbut meta jwettaq kompiti speċjalizzati b'bibien esterni miftuħin jew maqluġhin.
- (d) L-ispeċjalist tal-kompitu għandu jirraporta għand il-bdot fil-kmand:
 - (1) kwalunkwe nuqqasijiet, ħsara, funzjonamenti ħżiena jew difetti, li jemmen li jistgħu jafettwaw l-ajrunavigabbiltà jew l-operazzjoni sikura tal-inġenju tal-ajru, inklużi s-sistemi ta' emerġenza; u
 - (2) kwalunkwe inċident li jitfa' friskju, jew li jista' jitfa' friskju, is-sikurezza tal-operazzjoni.

SPO.GEN.107 Responsabbiltajiet u awtorità tal-bdot fil-kmand

- (a) Il-bdot fil-kmand għandu jkun responsabbli għal:
 - (1) is-sikurezza tal-inġenju tal-ajru u tal-membri tal-ekwipaġġ, l-ispeċjalisti tal-kompiti u l-merkanzija kollha abbord matul l-operazzjonijiet tal-inġenju tal-ajru;
 - (2) il-bidu, l-issoktar, it-tmiem jew id-diverżjoni ta' titjira fl-interess tas-sikurezza;
 - (3) l-iżgurar li jkun hemm konformità mal-proċeduri operattivi u l-listi ta' kontroll kollha skont il-manwal xieraq;
 - (4) jibda titjira biss jekk ikun sodisfatt li jkun hemm konformità mal-limitazzjonijiet operazzjonali kollha msemmija f'2.a.3 tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008, hekk kif ġej:
 - (i) l-inġenju tal-ajru huwa f'kundizzjoni tajba għat-titjir;
 - (ii) l-inġenju tal-ajru huwa rreġistrat kif support;

- (iii) l-istrumenti u t-tagħmir meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dik it-titjira huma installati fl-inġenju tal-ajru u huma operattivi, sakemm l-operazzjoni b'tagħmir mhux operattiv ma tkunx permessa mil-lista ta' tagħmir minimu (MEL - Minimum Equipment List) jew dokument ekwivalenti, jekk applikabbli, kif meħtieġ f'SPO.IDE.A.105, SPO.IDE.H.105, SPO.IDE.S.105 jew SPO.IDE.B.105;
 - (iv) il-massa tal-inġenju tal-ajru u, ħliet fil-każ ta' blalen tal-arja, il-post ta' ċentru ta' gravità ikunu b'tali mod li t-titjira tkun tista' ssir fi ħdan il-limiti preskritti fid-dokumentazzjoni dwar l-ajrunavigabbiltà;
 - (v) it-tagħmir u l-bagalji kollha huma mgħobbija u marbutin sew; u
 - (vi) il-limitazzjonijiet operattivi tal-inġenju tal-ajru kif speċifikati fil-manwal tat-titjir tal-inġenju tal-ajru (AFM - Aircraft Flight Manual) mhumiex sejrin jinqabżu f'xi ħin matul it-titjira;
- (5) li ma jibdiex titjira jekk hu, jew kwalunkwe membru tal-ekwipaġġ jew speċjalista tal-kompitu ieħor ma jistax iwettaq il-kompiti tiegħu għal kwalunkwe raġuni bħal griegi, mard, għeja jew l-effetti ta' xi sustanza psikoattiva;
 - (6) li ma jissoktax b'titjira lil hinn mill-eqreb ajrudrom jew sit operattiv li t-temp jippermetti nżul fih meta l-kapaċità ta' xi membru tal-ekwipaġġ jew speċjalist tal-kompitu ieħor sabiex iwettaq il-kompiti tonqos b'mod sinifikanti għal raġunijiet ta' għeja, mard jew nuqqas ta' ossiġnu;
 - (7) li jiddeċiedi dwar l-aċċettazzjoni tal-inġenju tal-ajru b'affarijiet li ma jaħdmux skont il-lista ta' devjazzjoni tal-konfigurazzjoni (CDL - Configuration Deviation List) jew l-MEL, jekk ikunu applikabbli;
 - (8) ir-reġistrazzjoni tad-dejta ta' użu u kull difett magħruf jew issuspettat fl-inġenju tal-ajru fi tmiem it-titjira, jew serje ta' titjiriet, fil-ġurnal tekniku tal-inġenju tal-ajru jew fil-ġurnal tal-vjaġġ għall-inġenji tal-ajru; u
 - (9) l-iżgurar li, meta jkunu installati, ir-reġistraturi tat-titjiriet:
 - (i) ma jkunux diżattivati jew mitfija matul it-titjira; u
 - (ii) fil-każ ta' aċċident jew inċident li huwa soġġett għal rapportar mandatorju:
 - (A) dawn ma jitħassrux b'mod intenzjonali;
 - (B) jiġu diżattivati minnufih wara li tasal fi tmiemha t-titjira; u
 - (C) jerġgħu jiġu attivati biss bi qbil mal-awtorità investigattiva.
- (b) Il-bdot fil-kmand għandu jkollu l-awtorità li jiċċad il-ġarr jew l-iżbark ta' kwalunkwe persuna jew merkanzija li tista' tirrappreżenta periklu potenzjali għas-sigurtà tal-inġenju tal-ajru jew l-okkupanti tiegħu.
 - (ċ) Il-bdot fil-kmand għandu, malajr kemm jista' jkun, jirraporta mal-unità xierqa tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru (ATS - Air Traffic Services) dwar kwalunkwe kundizzjonijiet tat-temp jew tat-titjir perikolużi li għandhom il-probabilità li jaffettwaw is-sigurtà ta' inġenji tal-ajru oħrajn.
 - (d) Minkejja d-dispożizzjoni ta' (a)(6), f'operazzjoni b'ħafna membri tal-ekwipaġġ, il-bdot fil-kmand jista' jkompli b'titjira lil hinn mill-eqreb ajrudrom li t-temp jippermetti nżul fih meta jkun hemm fis-seħħ proċeduri adegwati ta' mitigazzjoni.

- (e) F'sitwazzjoni ta' emerġenza li teħtieġ deċiżjoni jew azzjoni immedjata, il-bdot fil-kmand għandu jieħu kwalunkwe azzjoni li hu jqisha neċessarja skont iċ-ċirkustanzi b'konformità ma' 7.d. tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008. F'dawn il-każijiet, jista' jiddevja mir-regoli, il-proċeduri operattivi u l-metodi fl-interess tas-sigurtà.
- (f) Il-bdot fil-kmand għandu jissottometti rapport ta' att ta' interferenza illegali mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti u għandu jgħarraf lill-awtorità lokali magħżula.
- (g) Il-bdot fil-kmand għandu jgħarraf lill-eqreb awtorità xierqa bl-aktar mezz veloċi għad-dispożizzjoni dwar kwalunkwe aċċident li jinvolvi l-inġenju tal-ajru u li jirriżulta f'korrimment serju jew mewt ta' kwalunkwe persuna jew dannu sostanzjali għall-inġenju tal-ajru jew proprjeta'.

SPO.GEN.108 Responsabbiltajiet u awtorità tal-bdot fil-kmand — blalen tal-arja

Minbarra l-SPO.GEN.107, il-bdot fil-kmand ta' ballun tal-arja għandu jkun responsabbli għal:

- (a) it-tagħrif f'sinteżi mogħti qabel it-titjira lil dawk il-persuni li jassistu fl-infiħ u t-tneħħija tal-arja tal-envelop; u
- (b) jiżgura li l-persuni li jassistu fl-infiħ u t-tneħħija tal-arja tal-envelop jilbsu l-ilbies protettiv xieraq.

SPO.GEN.110 Konformità ma' liġijiet, regolamenti u proċeduri

Il-bdot fil-kmand, il-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti għandhom jikkonformaw mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri ta' dawk l-Istati fejn jitwettqu l-operazzjonijiet.

SPO.GEN.115 Lingwa komuni

L-operatur għandu jiżgura li l-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti kollha jkunu kapaċi jikkonunikaw ma' xulxin b'lingwa komuni.

SPO.GEN.120 Sewqan ta' ajruplani (taxiing)

L-operatur għandu jiżgura li ajruplan jinsaq biss fuq iż-żona ta' moviment ta' ajrudrom jekk il-persuna fil-kontroll:

- (a) tkun bdot ikkwalifikat kif suppost; jew
- (b) tkun ingħażlet mill-operatur u:
 - (1) hija mħarrġa biex issuq l-ajruplan;
 - (2) hija mħarrġa biex tuża t-telefon bir-radju, jekk ikunu meħtieġa komunikazzjonijiet bir-radju;
 - (3) tkun irċieviet struzzjoni fir-rigward tat-tifsila tal-ajrudrom, ir-rotot, is-sinjali, l-immarrkar, id-dwal, is-sinjali u l-istruzzjonijiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC - Air Traffic Control), il-frażjoloġija u l-proċeduri; u
 - (4) tkun kapaċi tikkonforma mal-istandards operattivi meħtieġa għall-moviment sigur tal-ajruplan fl-ajrudrom.

SPO.GEN.125 Attivazzjoni tar-rotor

Rotor ta' ħelikopter għandu jinxtegħel biss għall-iskop ta' titjira bi bdot ikkwalifikat fil-kontroll.

SPO.GEN.130 Strumenti elettroniċi portabbli

L-operatur ma għandu jippermetti lill-ebda persuna tuża strument elettroniku portabbli (PED - Portable Electronic Device) abbord inġenju tal-ajru li jista' jaffettwa b'mod negattiv il-prestazzjoni tas-sistemi u t-tagħmir tal-inġenju tal-ajru.

SPO.GEN.135 Tagħrif dwar tagħmir ta' emerġenza u sopravvivenza li jinġarr

- (a) Fil-ħin kollu, l-operatur għandu jkollu l-listi li fihom tagħrif dwar it-tagħmir ta' emerġenza u sopravvivenza li jinġarr abbord lesti għal komunikazzjoni immedjata ma' ċentri ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ (RCCs - Rescue Coordination Centres).
- (b) (a) ma japplikax għal operaturi mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru li mhumiex inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur u li jitolqu u jinżlu fl-istess ajrudrom/sit operattiv.

SPO.GEN.140 Dokumenti, manwali u tagħrif li jridu jinġarru

- (a) Id-dokumenti, il-manwali u t-tagħrif li ġejjin iridu jinġarru fuq kull titjira bħala l-oriġinali jew kopji sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor hawn taħt:
 - (1) l-AFM, jew dokument(i) ekwivalenti;
 - (2) iċ-ċertifikat oriġinali ta' reġistrazzjoni;
 - (3) iċ-ċertifikat oriġinali ta' ajrunavigabbiltà (CofA - Certificate of Airworthiness);
 - (4) iċ-ċertifikat oriġinali tal-ħoss, jekk applikabbli;
 - (5) kopja vera ċertifikata ta' iċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru kif speċifikat fl-Anness III (Parti-ORO), ORO.AOC.100 jew dikjarazzjoni kif speċifikat f'ORO.DEC.100, jekk tkun applikabbli;
 - (6) il-lista ta' approvazzjonijiet speċifiċi, jekk applikabbli;
 - (7) il-liċenzja tar-radju tal-inġenju tal-ajru, jekk applikabbli;
 - (8) iċ-ċertifikat(i) tal-assigurazzjoni tar-responsabbiltà tat-terza persuna;
 - (9) il-ġurnal tal-vjaġġ, jew ekwivalenti għall-inġenju tal-ajru;
 - (10) il-ġurnal tekniku tal-inġenju tal-ajru, skont l-Anness I (Parti-M) għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, jekk applikabbli;
 - (11) dettalji tal-pjan tat-titjira rreġistrat tal-ATS, jekk applikabbli;
 - (12) karti ajrunawtiċi attwali u xierqa għar-rotta/żona tat-titjira proposta u r-rotot kollha li fihom huwa raġonevoli li wieħed jistenna diverżjoni tat-titjira;
 - (13) proċeduri u tagħrif dwar is-sinjali viżwali għall-użu minn inġenji tal-ajru li jinterċettaw u interċettati;
 - (14) tagħrif li jikkonċerna servizzi ta' tiftix u salvataġġ għaż-żona tat-titjira maħsuba;

- (15) il-partijiet attwali tal-manwal tal-operazzjonijiet u/jew l-SOPs jew l-AFM li huma relevanti għall-kompiti tal-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti, li għandhom ikunu faċilment aċċessibbli għalihom;
 - (16) l-MEL jew is-CDL, jekk applikabbli;
 - (17) avviżi xierqa għall-membri tal-ekwipaġġ (NOTAMs - Notices to Airmen) u dokumentazzjoni ta' tagħrif f'sinteżi tas-servizz ta' tagħrif ajrunawtiku (AIS - Aeronautical Information Service);
 - (18) tagħrif meteoroloġiku xieraq, jekk applikabbli;
 - (19) manifesti tal-merkanzija, jekk applikabbli; u
 - (20) kwalunkwe dokumentazzjoni oħra li tista' tkun pertinenti għat-titjira jew li hija meħtieġa mill-Istati kkonċernati mit-titjira.
- (b) Minkejja (a), fuq titjiriet:
- (1) li t-tluq u l-inżul tagħhom huwa maħsub li jsir fl-istess ajrudrom jew sit operattiv; jew
 - (2) li jibqgħu fi ħdan distanza jew żona ddeterminata mill-awtorità kompetenti, id-dokumenti u t-tagħrif f'(1)(2) sa (a)(11) u (a)(14), (a)(17), (a)(18) u (a)(19) jistgħu jinżammu fl-ajrudrom jew fis-sit operattiv.
- (ċ) Minkejja (a), fuq titjiriet bi blalen tal-arja jew gliders, minbarra gliders bil-mutur tat-touring (TMGs - Touring Motor Gliders), id-dokumenti u t-tagħrif f'(a)(1) sa (a)(10) u (a)(13) sa (a)(19) jistgħu jinġarru fil-vettura ta' sejbien.
- (d) F'każ ta' telf jew serq tad-dokumenti speċifikati f'(a)(2) sa (a)(8), l-operazzjoni tista' tkompli sakemm it-titjira tilħaq id-destinazzjoni tagħha jew post fejn jistgħu jiġu pprovduti d-dokumenti ta' sostituzzjoni.
- (e) L-operatur għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni, fi ħdan żmien raġonevoli minn meta jintalab jagħmel dan mill-awtorità kompetenti, id-dokumentazzjoni meħtieġa li għandha tinġarr abbord.

SPO.GEN.145 Ġurnal tal-vjaġġi — operazzjonijiet mhux kummerċjali b'ingeni tal-ajru li mhmwiex ingeni tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur

Id-dettalji dwar l-inġenju tal-ajru, l-ekwipaġġ tiegħu u kull vjaġġ għandhom jinżammu għal kull titjira, jew serje ta' titjiriet, fill-forma ta' ġurnal tal-vjaġġi, jew ekwivalenti.

SPO.GEN.150 Preservazzjoni, produzzjoni u użu ta' reġistrazzjonijiet tar-reġistratur tat-titjira — operazzjonijiet b'ingeni tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur

- (a) Wara aċċident jew inċident li jkun soġġett għal rapportar mandatorju, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jippreserva d-dejta oriġinali rreġistrata għal perjodu ta' 60 jum sakemm l-awtorità investigattiva ma tgħidlux mod ieħor.
- (b) L-operatur għandu jwettaq verifiki u evalwazzjonijiet operattivi tar-reġistrazzjonijiet tar-reġistratur tad-dejta dwar it-titjira (FDR - Flight Data Recorder) u r-reġistrazzjonijiet li jikkollegaw id-dejta biex jiżgura l-manutenzjoni kontinwa tar-reġistraturi.

- (c) L-operatur għandu jaħżen ir-reġistrazzjonijiet għall-perjodu tal-ħin ta' operat tal-FDR, kif meħtieġ minn SPO.IDE.A.145 or SPO.IDE.H.145, ħlief għall-ittestjar u l-manutenzjoni tal-FDR, fejn jista' jiħassar sa siegħa mill-ekdem materjal li jkun ġie rreġistrat waqt il-ħin tal-ittestjar.
- (d) L-operatur għandu jaħżen u jżomm dokumentazzjoni aġġornata li tippreżenta l-informazzjoni meħtieġa sabiex id-dejta tal-FDR mhux ipproċessata tiġi kkonvertita f'parametri espressi f'unitajiet ta' inġinerija.
- (e) L-operatur għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni kwalunkwe reġistrazzjoni tar-reġistratur tat-titjira li tkun ġiet ippreservata, jekk dan ikun stabbilit mill-awtorità kompetenti.
- (f) Ir-reġistrazzjonijiet bis-CVR għandhom jintużaw biss għall-finijiet oħrajn, għajr għal stħarriġ ta' aċċident jew inċident li jkun suġġett għal rapportar obligatorju, jekk il-membri tal-ekwipaġġ u l-persunal tal-manutenzjoni kollha kkonċernati jkunu taw il-kunsens taġġhom.
- (g) Ir-reġistrazzjonijiet FDR jew ir-reġistrazzjonijiet li jikkollegaw id-dejta għandhom jintużaw biss għall-finijiet oħrajn, għajr għal stħarriġ ta' aċċident jew inċident li jkun suġġett għal rapportar obligatorju, jekk dawn ir-reġistrazzjonijiet huma:
 - (1) użati mill-operatur għall-finijiet ta' ajrunavigabbiltà jew manutenzjoni biss;
 - (2) de-identifikati; jew
 - (3) żvelati taħt proċeduri sikuri.

SPO.GEN.155 It-trasport ta' oġġetti perikolużi

- (a) It-trasport ta' oġġetti perikolużi bl-ajru għandu jitwettaq skont l-Anness 18 għall-Konvenzjoni ta' Chicago, kif l-aħħar emendata u amplifikata mill-Istruzzjonijiet Tekniċi għat-Trasport Sikur ta' Oġġetti Perikolużi bl-Ajru (ICAO Doc 9284-AN/905), inklużi s-supplimenti u kwalunkwe addenda jew corrigenda oħra tiegħu.
- (b) L-oġġetti perikolużi għandhom jinġarru biss minn operatur approvat skont l-Anness V (Parti-SPA), subparti G, għar-Regolament (KE) Nru xxx/XXX ħlief meta:
 - (1) mhumiex soġġetti għall-Istruzzjonijiet Tekniċi skont il-Parti 1 ta' dawk l-Istruzzjonijiet;
 - (3) jinġarru minn speċjalisti tal-kompiti jew membri tal-ekwipaġġ jew ikunu f'bagalja li tkun ġiet separata mis-sid taġġha, skont il-Parti 8 tal-Istruzzjonijiet Tekniċi;
 - (3) ikunu meħtieġa abbord l-inġenju tal-ajru għal finijiet speċjalizzati skont l-Istruzzjonijiet Tekniċi;
 - (4) jintużaw sabiex tiġi faċilitata s-sigurtà tat-titjira meta l-ġarr abbord ikun raġonevoli biex tiġi żgurata d-disponibilità f'waqtha taġġhom għal skopijiet operattivi, sew jekk it-tali oġġetti u sustanzi huma kif ukoll jekk mhumiex meħtieġa jinġarru jew maħsuba sabiex jintużaw b'rabta ma' titjira partikolari.
- (c) L-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri biex jiżgura li ttieħdu l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jipprevjeni l-oġġetti perikolużi milli jinġarru abbord b'negliġenza.
- (d) L-operatur għandu jipprovdi lill-persunal bit-tagħrif meħtieġ li jippermettilu jwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu, kif meħtieġ mill-Istruzzjonijiet Tekniċi.

- (e) L-operatur għandu, skont l-Istruzzjonijiet Tekniċi, jirraporta mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti u lill-awtorità kompetenti tal-Istat fejn ikunu seħħew:
 - (1) xi aċċidenti jew inċidenti b'oġġetti perikolużi;
 - (2) sejbiet ta' oġġetti perikolużi li nġarru minn speċjalisti tal-kompiti jew mill-ekwipaġġ, jew fil-bagalji tagħhom, meta ma jkunux konformi mal-Parti 8 tal-Istruzzjonijiet Tekniċi.
- (f) L-operatur għandu jiżgura li l-ispeċjalisti tal-kompiti jingħataw tagħrif dwar l-oġġetti perikolużi.
- (g) L-operatur għandu jiżgura li fil-punti ta' aċċettazzjoni tal-merkanzija jiġu pprovduti avviżi li jagħtu tagħrif dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi, kif mitlub mill-Istruzzjonijiet Tekniċi.

SPO.GEN.160 Ir-rilaxx ta' oġġetti perikolużi

L-operatur ma għandux jopera inġenju tal-ajru fuq żoni ta' bliet, irħula jew villaġġi ppopolati jew fuq assemblaġġ fil-miftuħ ta' persuni meta jirrilaxxa oġġetti perikolużi.

SPO.GEN.165 Ġarr u użu ta' armi

- (a) L-operatur għandu jiżgura li, meta jinġarru armi fuq titjira għall-finijiet ta' kompitu speċjalizzat, dawn ikunu marbutin sew meta ma jkunux qegħdin jintużaw.
- (b) L-ispeċjalist tal-kompitu li juża l-arma għandu jieħu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex jevita milli jqiegħed friskju l-inġenju tal-arju u l-persuni abbord jew fuq l-art.

SPO.GEN.170 Reazzjoni immedjata għal problema ta' sigurtà

L-operatur għandu jimplementa:

- (a) kwalunkwe miżuri ta' sigurtà mandati mill-awtorità kompetenti skont l-Anness II (Parti-ARO), ARO.GEN.135(c); u
- (b) kwalunkwe tagħrif mandatorju dwar is-sigurtà maħruġ mill-Aġenzija, inklużi direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà.

SPO.GEN.175 Lista tat-tagħmir minimu — operazzjonijiet mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru li mhumiex inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur

MEL tista' tiġi stabbilita kif speċifikat f'8.a.3. tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008. F'dak il-każ, l-MEL u kwalunkwe emenda fiha għandha tiġi approvata mill-awtorità kompetenti.

Subparti B — Proċeduri operattivi

SPO.OP.100 Użu ta' ajrudromi u siti operattivi

L-operatur għandu juża biss ajrudromi u siti operattivi li huma adegwati għat-tip ta' inġenju tal-ajru u operazzjoni kkonċernati.

SPO.OP.105 Speċifikazzjoni ta' ajrudromi iżolati — ajruplani

Għall-għażla ta' ajrudromi alternattivi u l-politika tal-fjuwil, l-operatur għandu jieħu f'kunsiderazzjoni ajrudrom bħala ajrudrom iżolat jekk il-ħin tat-titjira lejn l-eqreb ajrudrom alternattiv adegwat fid-destinazzjoni huwa aktar minn:

- (a) għal ajruplani b'magni li jirreċiprokaw, 60 minuta; jew
- (b) għal ajruplani b'magni bit-turbina, 90 minuta.

SPO.OP.110 Il-valuri operattivi minimi ta' ajrudrom — ajruplani u elikopters

- (a) Għal titjiriet b'regoli ta' titjir bi strument (IFR - Instrument Flight Rules), l-operatur jew il-bdot fil-kmand għandu jispeċifika l-valuri operattivi minimi għall-ajrudrom għal kull tluq, destinazzjoni u ajrudrom alternattiv li sejjer jintuża.
- (b) Għal (a) u (b), valuri minimi bħal dawn għandhom:
 - (1) ma jkunux inqas minn dawk stabbiliti mill-Istat li fih jinstab l-ajrudrom, ħliet meta dan ikun speċifikament approvat mill-Istat; u
 - (2) meta jitwettqu operazzjonijiet b'viżibilità baxxa, ikunu approvati mill-awtorità kompetenti skont l-Anness V (Parti-SPA), Subparti E għar-Regolament (UE) Nru xxx/XXX.
- (c) Meta jistabbilixxi l-valuri operattivi minimi tal-ajrudrom, l-operatur jew il-bdot fil-kmand għandu jieħu f'kunsiderazzjoni dan li ġej:
 - (1) it-tip, il-prestazzjoni u l-karatteristiċi ta' kontroll tal-inġenju tal-ajru;
 - (2) il-kompetenza u l-esperjenza tal-ekwipaġġ tat-titjira u, jekk applikabbli, il-kompożizzjoni tiegħu;
 - (3) id-dimensjonijiet u l-karatteristiċi tar-runways u l-approċċ u ż-żoni ta' tluġh finali (FATOs - Final Approach and Take-Off areas) li jistgħu jingħażlu għall-użu;
 - (4) l-adegwatezza u l-prestazzjoni tal-għajjuniet viżivi u mhux viżivi disponibbli fuq l-art;
 - (5) it-tagħmir disponibbli fuq l-inġenju tal-ajru għall-finijiet ta' navigazzjoni u/jew kontroll tal-mogħdija tat-titjira, matul it-tluġh, l-approċċ, il-flare, l-inżul, ir-roll-out u l-avviċinament mhux milħuq;
 - (6) l-ostrukli fl-approċċ, l-approċċ mhux milħuq u ż-żoni tat-tluġh meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' proċeduri ta' kontinġenza;

- (7) l-altitudni/għoli tal-ikklerjar tal-ostakli għall-proċeduri ta' avviciament bi strument;
 - (8) il-mezzi biex ikunu stabbiliti u rrapportati l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi; u
 - (9) it-teknika ta' titjir li għandha tintuża matul l-avviciament finali.
- (e) Il-valuri minimi għal tip speċifiku ta' avviciament u proċedura ta' nżul għandhom jintużaw jekk:
- (1) ikun operattiv it-tagħmir ta' fuq l-art meħtieġ għall-proċedura ppjanata;
 - (2) ikunu operattivi s-sistemi tal-inġenju tal-ajru meħtieġa għat-tip ta' avviciament;
 - (3) ikunu ntlaħqu l-kriterji meħtieġa ta' eżekuzzjoni ta' inġenju tal-ajru; u
 - (4) l-ekwipaġġ tat-titjira jkun ikkwalfikat kif xieraq.

SPO.OP.111 Valuri operattivi minimi ta' ajrudrom — NPA, APV, operazzjonijiet ta' CAT I

- (a) L-għoli ta' deċizzjoni (DH - Decision Height) li għandu jintuża għal avviciament mhux preċiż (NPA - Non-Precision Approach) imtajjar bit-teknika ta' avviciament finali ta' nżul kontinwu (CDFA - Continuous Descent Final Approach), proċedura ta' avviciament bi gwida vertikali (APV - Approach Procedure with Vertical Guidance) jew operazzjoni tal-kategorija I (CAT I) ma għandhiex tkun inqas mill-ogħla ta':
- (1) l-għoli minimu li fih tista' tintuża l-għajnuna għall-avviciament mingħajr ir-referenza viżiva meħtieġa;
 - (2) l-għoli ta' kklirjar ta' ostakli (OCH - Obstacle Clearance Height) għall-kategorija tal-inġenju tal-ajru;
 - (3) id-DH ippubblikata tal-proċedura ta' avviciament, fejn applikabbli;
 - (4) il-minimu tas-sistema speċifikat fit-Tabella 1; jew
 - (5) id-DH minima speċifikata fl-AFM jew dokument ekwivalenti, jekk din tkun iddikjarata.
- (b) L-għoli minimu ta' nżul (MDH - Minimum Descent Height) għal operazzjoni ta' NPA mtajra mingħajr it-teknika CFDA ma għandux ikun inqas mill-ogħla ta':
- (1) l-OCH għall-kategorija ta' inġenju tal-ajru;
 - (2) il-minimu tas-sistema speċifikat fit-Tabella 1; jew
 - (3) l-MDH minimu speċifikat fl-AFM, jekk iddikjarat.

Tabella 1: Valuri minimi tas-sistema

Faċilità	L-inqas DH/MDH (ft)
Sistema ta' nżul bi strumenti (ILS)	200
Sistema satellitari għal navigazzjoni globali (GNSS)/ sistema ta' awmentazzjoni bbażata fuq is-satelliti (SBAS) (preċiżjoni laterali b'avviciament bi gwida	200

Faċilità	L-inqas DH/MDH (ft)
vertikali (LPV))	
GNSS (navigazzjoni laterali (LNAV))	250
GNSS/Navigazzjoni Baro-vertikali (VNAV) (LNAV/VNAV)	250
Lokalizzatur (LOC) b'tagħmir għat-tkejjil tad-distanza (DME) jew mingħajr	250
Avviċinament b'radar ta' sorveljanza (SRA) (jintemm f'½ NM)	250
SRA (jintemm f'1 NM)	300
SRA (jintemm f'2 NM jew iktar)	350
Raġġ omnidirezzjonali tar-radju b'VHF (VOR)	300
VOR/DME	250
Beacon non-direzzjonali (NDB)	350
NDB/DME	300
Strument għas-sejbien tad-direzzjoni ta' VHF (VDF)	350

SPO.OP.112 Valuri operattivi minimi tal-ajrudrom — operazzjonijiet ta' dawran b'ajruplani

- (a) L-MDH għal operazzjoni ta' dawran b'ajruplani ma għandux ikun inqas mill-ogħla ta':
- (1) l-OCH ta' dawran ippubblikat għall-kategorija tal-ajruplan;
 - (2) l-għoli minimu ta' dawran miġjub mit-Tabella 1; jew
 - (3) id-DH/MDH tal-proċedura ta' avviċinament bi strument preċedenti.
- (b) Il-viżibilità minima għal operazzjoni ta' dawran b'ajruplani għandha tkun l-ogħla ta':
- (1) il-viżibilità tad-dawran għall-kategorija tal-ajruplan, jekk tkun ippubblikata;
 - (2) il-viżibilità minima miġjuba mit-Tabella 2; jew
 - (3) il-medda viżiva tar-runway / viżibilità meteoroloġika kkonvertita (RVR/CMV - Runway Visual Range / Converted Meteorological Visibility) tal-proċedura ta' approċċ bi strument preċedenti.

Tabella 1: MDH u viżibilità minima għad-dawran vs. kategorija tal-ajruplan

	Kategorija tal-ajruplan			
	A	B	Ċ	D
MDH (ft)	400	500	600	700

Viżibilità meteoroloġika minima (m)	1 500	1 600	2 400	3 600
-------------------------------------	-------	-------	-------	-------

SPO.OP.113 Valuri operattivi minimi tal-ajrudrom — operazzjonijiet ta' dawran fuq l-art b'ħelikopters

L-MDH għal operazzjonijiet ta' dawran fuq l-art b'ħelikopters ma għandux ikun inqas minn 250 ft u l-viżibilità meteoroloġika mhux inqas minn 800 m.

SPO.OP.115 Proċeduri ta' tluq u avviċinament — ajruplani u ħelikopters

- (a) Il-bdot fil-kmand għandu juża l-proċeduri ta' tluq u avviċinament stabbiliti mill-Istat tal-ajrudrom, jekk dawn il-proċeduri jkunu ġew ippubblikati għar-runway jew FATO li jkunu sejrin jintużaw.
- (b) Il-bdot fil-kmand jista' jiddevja minn rotta ta' tluq ippubblikata, rotta ta' wasla jew proċedura ta' avviċinament:
 - (1) dejjem jekk ikunu jistgħu jiġu osservati l-kriterji ta' kklirjar, jittieħdu f'kunsiderazzjoni sħiħa l-kundizzjonijiet operattivi u jkun hemm konformità ma' kwalunkwe kklirjar tal-ATC; jew
 - (2) meta jkun qiegħed jiġi vetturat bir-radar minn unità tal-ATC.
- (c) Fil-każ ta' operazzjonijiet b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur, l-aħħar segment tal-avviċinament għandu jittajjar b'mod viżwali jew skont il-proċeduri ta' avviċinament ippubblikati.

SPO.OP.120 Proċeduri ta' tnaqqis tal-ħoss

Il-bdot fil-kmand għandu jieħu f'kunsiderazzjoni l-proċeduri ppubblikati ta' tnaqqis tal-ħoss sabiex jimminimizza l-effett ta' ħoss mill-inġenji tal-ajru filwaqt li jiżgura li s-sigurtà tingħata prijorità fuq it-tnaqqis ta' ħoss.

SPO.OP.121 Proċeduri ta' tnaqqis tal-ħoss — blalen tal-arja

Il-bdot fil-kmand għandu jagħmel użu mil-proċeduri operattivi, fejn ikunu stabbiliti, sabiex jimminimizza l-effett ta' ħoss mis-sistema ta' tisħin filwaqt li jiżgura li s-sigurtà tingħata prijorità fuq it-tnaqqis ta' ħoss.

SPO.OP.125 Altitudnijiet minimi ta' kklirjar tal-ostakli — Titjiriet IFR

- (a) L-operatur għandu jispeċifika metodu sabiex jistabbilixxi altitudnijiet minimi tat-titjira li jipprovdu l-ikkklirjar tal-art meħtieġ għas-segmenti kollha tar-rotot li se jittajru fl-IFR.
- (b) Il-bdot fil-kmand għandu jistabbilixxi altitudnijiet minimi tat-titjira għal kull titjira fuq il-bażi ta' dan il-metodu. L-altitudnijiet minimi tat-titjira ma għandhomx ikunu inqas minn dawk ippubblikati mill-Istat li t-titjira tgħaddi minn fuqu.

SPO.OP.130 Provvista ta' fjuwil u żejt — ajruplani

- (a) Il-bdot fil-kmand għandu jibda titjira biss jekk l-ajruplan ikun qiegħed iġorr biżżejjed fjuwil u żejt għal dan li ġej:
- (1) għal titjiriet VFR:
- (i) matul il-jum, biex itir lejn l-ajrudrom fejn hu ppjanat l-inżul u wara, biex itir għal tal-inqas 30 minuta f'altitudni ta' titjir normali; jew
 - (ii) matul il-lejn, biex itir lejn l-ajrudrom fejn hu ppjanat l-inżul u wara, biex itir għal tal-inqas 45 minuta f'altitudni ta' titjir normali;
- (2) għal titjiriet IFR:
- (i) meta ma jkun hemm bżonn ta' ebda destinazzjoni alternattiva, biex itir lejn l-ajrudrom fejn hu ppjanat l-inżul u wara, biex itir għal tal-inqas 45 minuta f'altitudni ta' titjir normali; jew
 - (ii) meta jkun hemm bżonn ta' destinazzjoni alternattiva, biex itir lejn l-ajrudrom fejn hu ppjanat l-inżul, lejn ajrudrom alternattiv u wara, biex itir għal tal-inqas 45 minuta f'altitudni ta' titjir normali.
- (b) Fil-kalkolu tal-fjuwil meħtieġ, inkluż sabiex ikun hemm provvista f'każ ta' kontinġenza, għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni dan li ġej:
- (1) tbassir ta' kundizzjonijiet meteoroloġiċi;
 - (2) antiċipazzjoni tar-rotot tal-ATC u tal-ittardjar fit-traffiku;
 - (3) proċeduri f'każ ta' telf ta' pressjoni jew ħsara f'magna waħda waqt ir-rotta, fejn applikabbli; u
 - (4) kwalunkwe kundizzjoni oħra li tista' tittardja l-inżul tal-ajruplan jew iżżid il-konsum tal-fjuwil u/jew żejt.
- (ċ) Xejn ma għandu jipprekludi l-emenda ta' pjan ta' titjira matul it-titjira, sabiex isir pjan ġdid għat-titjira lejn destinazzjoni oħra, dejjem jekk jista' jkun hemm konformità mar-rekwiżiti kollha mill-punt li fih it-titjira terġa' tiġi ppjanata

SPO.OP.131 Provvista ta' fjuwil u żejt — helicopters

- (a) Il-bdot fil-kmand għandu jibda titjira biss jekk il-ħelikopter ikun qiegħed iġorr biżżejjed fjuwil u żejt għal dan li ġej:
- (1) għal titjiriet VFR:
- (i) biex itir lejn l-ajrudrom/sit operattiv fejn hu ppjanat l-inżul u wara, biex itir għal tal-inqas 20 minuta bl-aħjar veloċità għad-distanza; jew
 - (ii) għat-titjiriet li jibqgħu fi ħdan 25 NM mill-ajrudrom/sit operattiv ta' tluq, il-fjuwil ta' riżerva ma għandux ikun inqas minn fjuwil għal 10 minuti bl-aħjar veloċità għad-distanza;
- u
- (2) għal titjiriet IFR:
- (i) meta ma jkun hemm bżonn ta' ebda ajrudrom alternattiv jew ma jkun hemm disponibbli ebda ajrudrom alternattiv li t-temp jippermetti nżul fih, sabiex

itir lejn l-ajrudrom/sit operattiv fejn hu ppjanat l-inżul, u wara, biex itir għal 30 minuta f'veloċità ta' titjir normali f'għoli ta' 450 m (1 500 ft) fuq l-ajrudrom/sit operattiv ta' destinazzjoni f'kundizzjonijiet standard tat-temperatura, u għall-avviċinament u l-inżul; jew

- (ii) meta jkun hemm bżonn ta' alternattiv, sabiex itir u jwettaq avviċinament u avviċinament mhux milħuq fl-ajrudrom/sit operattiv fejn hu ppjanat l-inżul, u wara:
 - (A) biex itir lejn l-alternattiv speċifikat; u
 - (B) biex itir għal 30 minuta b'veloċità normali ta' trażżin f'għoli ta' 450 m (1 500 ft) fuq l-ajrudrom/sit operattiv alternattiv f'kundizzjonijiet standard tat-temperatura u għall-avviċinament u l-inżul.
- (b) Fil-kalkolu tal-fjuwil meħtieġ, biex jiġi pprovdut għal kontinġenza wkoll, għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni dan li ġej:
 - (1) tbassir ta' kundizzjonijiet meteoroloġiċi;
 - (2) antiċipazzjoni ta' rotot tal-ATC u ttardjar tat-traffiku;
 - (3) ħsara ta' magna waħda matul it-titjira, fejn applikabbli; u
 - (4) kwalunke kundizzjoni oħra li tista' tittardja l-inżul tal-inġenju tal-ajru jew iżżid il-konsum tal-fjuwil u/jew żejt.
- (ċ) Xejn ma għandu jipprekludi l-emendar ta' pjan tat-titjira matul it-titjira, sabiex titfassal mill-ġdid it-titjira lejn destinazzjoni oħra, dejjem jekk tista' tinżamm konformità mar-rekwiżiti kollha mill-punt li fih titfassal mill-ġdid it-titjira.

SPO.OP.132 Provvista u ppjanar ta' fjuwil u savorra — blalen tal-arja

- (a) Il-bdot fil-kmand għandu jibda titjira biss jekk il-fjuwil, il-karburant jew is-savorra ta' riżerva jkunu biżżejjed għal 30 minuta titjir:
- (b) Il-kalkoli tal-provvista ta' fjuwil, karburant jew savorra għandha tkun ibbażata fuq tal-inqas il-kundizzjonijiet operattivi li ġejjin:
 - (1) dejta pprovduta mill-manifattur tal-ballun tal-arja;
 - (2) mases antiċipati;
 - (3) kundizzjonijiet meteoroloġiċi mistennija; u
 - (4) proċeduri u restrizzjonijiet tal-fornitur tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru.

SPO.OP.135 Tagħrif f'sintezi dwar is-sikurezza

- (a) L-operatur għandu jiżgura li, qabel it-tluġh, l-ispeċjalisti tal-kompiti jingħataw tagħrif f'sinteżi dwar:
 - (1) it-tagħmir u l-proċeduri ta' emerġenza;
 - (2) il-proċeduri operattivi assoċjati mal-kompitu speċjalizzat qabel kull titjira jew serje ta' titjiriet

- (b) It-tagħrif f'sinteżi li għalih saret referenza f'(a)(2) jista' jittiħidlu postu minn programm ta' taħriġ inizjali u rikorrenti. F'dan il-każ, l-operatur għandu jiddefinixxi wkoll ir-reqwiziti tal-attivitajiet reċenti.

SPO.OP.140 Tħejjija għat-titjira

- (a) Qabel ma jibda titjira, il-bdot fil-kmand għandu jiżgura, permezz ta' kwalunkwe mezz raġonevoli għad-dispożizzjoni, li l-faċilitajiet tal-art u/jew fuq l-ilma inklużi l-faċilitajiet ta' komunikazzjoni u l-għajnuniet għan-navigazzjoni disponibbli u direttament meħtieġa fuq it-tali titjira, għall-operazzjoni sikura tal-inġenju tal-ajru, huma adegwati għat-tip ta' operazzjoni li għaliha sejra ssir it-titjira.
- (b) Qabel jibda titjira, il-bdot fil-kmand għandu jkun familjari mat-tagħrif meteoroloġiku kollu disponibbli li jkun adattat għat-titjira maħsuba. It-tħejjija għal titjira lil hinn mill-viċinanza tal-post ta' tluq, u għal kwalunkwe titjira skont IFR, għandha tinkludi:
- (1) studju dwar rapporti u tbassir disponibbli tat-temp attwali; u
 - (2) l-ippjanar ta' teħid ta' azzjoni alternattiva sabiex tkun koperta l-eventwalità li t-titjira ma tistax titlesta kif ippjanat, minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp.

SPO.OP.145 Ajrudromi alternattivi ta' tluġh — ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur

- (a) Għal titjiriet IFR, il-bdot fil-kmand għandu jispeċifika tal-inqas ajrudrom alternattiv li t-temp jippermetti t-tluġh minnu fil-pjan tat-titjira jekk il-kundizzjonijiet tat-temp fil-ajrudrom ta' tluq ikunu daqs jew taħt il-valuri operattivi minimi applikabbli għall-ajrudrom jew ma jkunx possibbli li jsir ritorn lejn l-ajrudrom ta' tluq għal raġunijiet oħrajn.
- (b) L-ajrudrom ta' tluġh alternattiv għandu jkun jinstab fi ħdan id-distanza li ġejja mill-ajrudrom mnjen jitlaq:
- (1) għall-ajruplani b'żewġ magni, mhux aktar minn distanza ekwivalenti għal titjira ta' siegħa b'veloċità ta' titjir b'magna waħda f'kundizzjonijiet standard ta' ajru kalm; u
 - (2) għall-ajruplani bi tliet magni jew iktar, mhux aktar minn distanza ekwivalenti għal titjira ta' sagħtejn b'veloċità ta' titjir b'magna waħda inoperattiva (OEI) skont l-AFM f'kundizzjonijiet standard ta' ajru kalm.
- (c) Għal ajrudrom li jrid jingħażel bħala ajrudrom ta' tluġh alternattiv, it-tagħrif disponibbli għandu jindika li, fil-ħin ta' użu stmat, il-kundizzjonijiet sejrini ikunu daqs jew oġħla mill-valuri operattivi minimi tal-ajrudrom għal dik l-operazzjoni.

SPO.OP.150 Ajrudromi ta' destinazzjoni alternattivi — ajruplani

Għal titjiriet IFR, bħala minimu, il-bdot fil-kmand għandu jispeċifika fil-pjan tat-titjira ajrudrom alternattiv ta' destinazzjoni wieħed li t-temp jippermetti nżul fih, sakemm:

- (a) it-tagħrif meteoroloġiku attwali li hemm għad-dispożizzjoni jindika li, għall-perjodu minn siegħa qabel sa siegħa wara l-ħin stmat tal-wasla, jew mill-ħin eżatt tat-tluq sa siegħa wara l-ħin stmat tal-wasla, skont liema jkun l-iqsar perjodu minnhom, l-

avviċinament u l-inżul jistgħu jsiru f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi viżwali (VMC - Visual Meteorological Conditions); jew

- (b) il-post ta' nżul ipplanat ikun iżolat u:
- (1) proċedura ta' avviċinament bi strument hija preskritta għall-ajrudrom fejn hu pplanat l-inżul; u
 - (2) it-tagħrif meteoroloġiku attwali li hemm għad-dispożizzjoni jindika li l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi li għejjin sejrini ikunu jeżistu minn sagħtejn qabel sa sagħtejn wara l-ħin stmat tal-wasla, jew mill-ħin eżatt tat-tluq sa sagħtejn wara l-ħin stmat tal-wasla, skont liema jkun l-iqsar perjodu:
 - (i) bażi tal-iżhab ta' tal-inqas 300 m (1 000 ft) oġhla mill-minimu assoċjat mal-proċedura ta' avviċinament bi strument; u
 - (ii) viżibilità ta' tal-inqas 5.5 km jew ta' 4 km iktar mill-minimu assoċjat mal-proċedura.

SPO.OP.150 Ajrudromi ta' destinazzjoni alternattivi — elikopters

Għal titjiriet IFR, bħala minimu, il-bdot fil-kmand għandu jispeċifika fil-pjan tat-titjira ajrudrom alternattiv ta' destinazzjoni wieħed li t-temp jippermetti nżul fih, sakemm:

- (a) proċedura ta' avviċinament bi strument hija preskritta għall-ajrudrom fejn hu pplanat l-inżul u t-tagħrif meteoroloġiku attwali li hemm għad-dispożizzjoni jindika li l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi li għejjin sejrini jeżistu minn sagħtejn qabel sa sagħtejn wara l-ħin stmat tal-wasla, jew mill-ħin eżatt tat-tluq sa sagħtejn wara l-ħin stmat tal-wasla, skont liema jkun l-iqsar perjodu:
- (1) bażi tal-iżhab ta' tal-inqas 120 m (400 ft) oġhla mill-minimu assoċjat mal-proċedura ta' avviċinament bi strument; u
 - (2) viżibilità ta' tal-inqas 1,500 m iktar mill-minimu assoċjat mal-proċedura.
- jew
- (b) il-post fejn hu pplanat l-inżul ikun iżolat u:
- (1) proċedura ta' avviċinament bi strument hija preskritta għall-ajrudrom fejn hu pplanat l-inżul;
 - (2) it-tagħrif meteoroloġiku attwali disponibbli jindika li l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi li għejjin sejrini ikunu jeżistu minn sagħtejn qabel sa sagħtejn wara l-ħin stmat tal-wasla:
 - (i) bażi tal-iżhab hija ta' tal-inqas 120 m (400 ft) oġhla mill-minimu assoċjat mal-proċedura ta' avviċinament bi strument;
 - (ii) il-viżibilità hija tal-inqas 1,500 m iktar mill-minimu assoċjat mal-proċedura; u
 - (3) punt li minnu ma tistax terġa' lura (PNR - Point of No Return) huwa determinat fil-każ ta' destinazzjoni 'l barra mix-xtut.

SPO.OP.155 Riforniment ta' karburant waqt li l-passiġġiera jkunu qegħdin jimbarkaw, meta dawn ikunu abbord jew qed jiżbarkaw

- (a) L-inġenju tal-ajru ma għandux jiġi rifornit b'karburant b'gasolina tal-avjazzjoni (AVGAS - Aviation Gasoline) jew fjuwil tat-tip wide-cut jew taħlita ta' dawn it-tipi ta' fjuwil, meta l-passiġġiera jkunu qegħdin jimbarkaw, ikunu abbord jew qed jiżbarkaw.
- (b) Għat-tipi kollha l-oħrajn ta' fjuwil, għandhom jittieħedu l-prekawzjonijiet neċessarji u l-inġenju tal-ajru għandu jkollu persunal kkwalifikat jaħdem fuqu li jkun lest jibda u jmexxi evakwazzjoni tal-inġenju tal-ajru bl-aktar mezz prattiċi u veloċi għad-dispożizzjoni.

SPO.OP.160 Użu ta' kuffji tal-widna

Minbarra l-blalen tal-arja, kull membru tal-ekwipaġġ tat-titjir meħtieġ jaħdem fil-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira għandu jilbes kuffji tal-widna b'mikrofonu li jirbomba, jew ekwivalenti, u jużahom bħala l-istrument primarju biex jikkomunika mal-ATS, membri tal-ekwipaġġ u speċjalisti tal-kompiti oħrajn.

SPO.OP.165 Tipjip

Il-bdot fil-kmand ma għandux jippermetti tipjip abbord jew matul ir-riforniment jew it-tneħħija ta' karburant mill-inġenju tal-ajru.

SPO.OP.170 Kundizzjonijiet meteoroloġiċi

- (a) Il-bdot fil-kmand għandu jibda jew ikompli b'titjira VFR biss jekk l-aħħar tagħrif meteoroloġiku disponibbli jkun jindika li l-kundizzjonijiet tat-temp matul ir-rotta u fid-destinazzjoni ppjanata fil-ħin ta' użu stmat se jrin ikunu daqs jew ogħla mill-valuri operattivi minimi applikabbli tal-VFR.
- (b) Il-bdot fil-kmand għandu jibda jew ikompli b'titjira IFR biss lejn l-ajrudrom tad-destinazzjoni ppjanat jekk l-aħħar tagħrif meteoroloġiku disponibbli jindika li, fil-ħin tal-wasla stmat, il-kundizzjonijiet tat-temp fid-destinazzjoni jew tal-inqas ajrudrom alternattiv tad-destinazzjoni wieħed huma daqs jew ogħla mill-valuri operattivi applikabbli minimi tal-ajrudrom.
- (c) Jekk titjira jkun fiha segmenti ta' VFR u IFR, it-tagħrif meteoroloġiku msemmi f'(a) u (b) għandu jkun applikabbli sa fejn ikun relevanti.

SPO.OP.175 Silġ u kontaminanti oħrajn — proċeduri ta' fuq l-art

- (a) Il-bdot fil-kmand għandu jibda t-tluġħ biss jekk l-inġenju tal-ajru jkun ħieles minn kwalunkwe depożitu li jista' jaffettwa b'mod negattiv il-prestazzjoni jew il-kontrollabilità tal-inġenju tal-ajru, ħliet kif inhu permess fl-AFM.
- (b) Fil-każ ta' operazzjonijiet b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur, l-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri li jridu jiġu segwiti meta jkunu neċessarji spezzjonijiet ta' tneħħija tas-silġ, ta' kontra s-silġ u oħrajn relatati tal-inġenju tal-ajru sabiex ikun hemm operazzjoni sikura tal-inġenju tal-ajru.

SPO.OP.175 Silġ u kontaminanti oħrajn — proċeduri tat-titjira

- (a) Il-bdot fil-kmand għandu jibda titjira jew itir b'intenzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ mistennija jew attwali biss jekk l-inġenju tal-ajru jkun ċertifikat u mgħammar biex jitħaddem f'kundizzjonijiet bħal dawn kif jintqal f'2.a.5 tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (b) Jekk il-formazzjoni tas-silġ taqbeż l-intensità tal-formazzjoni tas-silġ li għaliha l-inġenju tal-ajru huwa ċertifikat jew jekk inġenju tal-ajru mhux iċċertifikat għal titjir f'kundizzjonijiet ta' silġ magħrufa jiltaqa' ma' silġ, il-bdot fil-kmand għandu joħroġ mill-kundizzjonijiet ta' silġ mingħajr dewmien, permezz ta' bidla fil-livell u/jew firrotta, u jekk neċessarju, billi jiddikkjara emerġenza lill-ATC.
- (c) Fil-każ ta' operazzjonijiet b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur, l-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri għal titjiriet f'kundizzjonijiet ta' formazzjoni ta' silġ mistennija jew attwali.

SPO.OP.110 Il-kundizzjonijiet tat-tluġh — ajruplani u ħelikopters

Qabel jibda t-tluġh, il-bdot fil-kmand għandu jkun sodisfatt li:

- (a) skont it-tagħrif disponibbli, it-temp fl-ajrudrom jew is-sit operattiv u l-kundizzjoni tarunway jew FATO maħsuba għall-użu ma jxekkklux it-tluġh u t-tluq sikuri; u
- (b) se tinżamm konformità mal-valuri operattivi minimi applikabbli tal-ajrudrom.

SPO.OP.110 Il-kundizzjonijiet tat-tluġh — blalen tal-arja

Qabel jibda t-tluġh, il-bdot fil-kmand għandu jkun sodisfatt li, skont it-tagħrif disponibbli, it-temp fis-sit operattiv jew l-ajrudrom mhux sejjer ikun ta' xkiel għal tluġh u tluq sikuri.

SPO.OP.185 Sitwazzjonijiet anormali simulati matul it-titjira

Sakemm ma jkunx hemm speċjalist tal-kompitu abbord l-inġenju tal-ajru għat-taħriġ, meta jgħorr speċjalisti tal-kompiti, il-bdot fil-kmand ma għandux jissimula:

- (a) sitwazzjonijiet anormali jew ta' emerġenza li jeħtieġu l-applikazzjoni ta' proċeduri anormali jew ta' emerġenza; jew
- (b) titjir f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi bl-istrument (IMC - Instrument Meteorological Conditions) permezz ta' mezzi artifiċjali.

SPO.OP.190 Ġestjoni tal-karburant matul it-titjira

- (a) L-operatur ta' inġenju tal-ajru kumpless li jaħdem bil-mutur għandu jiżgura li matul it-titjira jitwettqu verifiki tal-karburant u ġestjoni tal-karburant.
- (b) B'mod regolari, il-bdot fil-kmand għandu jara li l-ammont ta' karburant li jista' jintuża li jifdal fit-titjira ma jkunx inqas mill-karburant meħtieġ biex jipproċedi lejn ajrudrom jew sit operattiv fejn it-temp jippermetti, filwaqt li l-fjuwil ta' riżerva ppjanat jibqa' kif meħtieġ minn SPO.OP.130 u SPO.OP.131.

SPO.OP.195 Użu ta' ossiġnu supplimentali

- (a) L-operatur għandu jiżgura li l-ispeċjalisti tal-kompiti u l-membri tal-ekwipaġġ jużaw ossiġnu supplimentali b'mod kontinwu kull meta l-altitudni tal-kabina taqbeż 1-10 000 ft għal perjodu ta' aktar minn 30 minuta u kull meta l-altitudni tal-kabina taqbeż 13 000 ft, sakemm ma jkunx approvat xi mod ieħor mill-awtorità kompetenti u b'konformità mal-SOPs.
- (b) Minkejja (a) u b'eċċezzjoni għal operazzjonijiet bil-paraxut, eskursjonijiet qosra ta' dewmien speċifikat f'għoli ta' aktar minn 13 000 ft mingħajr l-użu ta' ossiġnu supplimentali f'ajruplani u ħelikopters li mhumiex kumplessi jistgħu jitwettqu b'approvazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti fuq il-bażi tal-kunsiderazzjoni li ġejja:
- (1) id-dewmien tal-eskursjoni f'għoli ta' aktar minn 13 000 ft mhumiex ta' iktar minn 10 minuti jew, jekk ikun hemm bżonn ta' perjodu itwal, il-ħin strettament meħtieġ għat-twettiq tal-kompitu speċjalizzat;
 - (2) it-titjira ma ssirx f'għoli ta' aktar minn 16 000 ft;
 - (3) it-tagħrif fsinteżi dwar is-sigurtà skont SPO.OP.135 jinkludi tagħrif adegwat għall-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti dwar l-effetti tal-ipossija;
 - (4) l-SOPs għall-operazzjoni kkonċernata li jirriflettu (1), (2) u (3);
 - (4) l-esperjenza preċedenti tal-operatur fit-twettiq ta' operazzjonijiet f'għoli ta' aktar minn 13 000 ft mingħajr l-użu ta' ossiġnu supplimentali;
 - (5) l-esperjenza individwali tal-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti u l-adattament psikoloġiku tagħhom għal altitudnijiet għoljin; u
 - (6) l-altitudni tal-bażi fejn ikun stabbilit l-operatur jew mnejn jitwettqu l-operazzjonijiet.

SPO.OP.200 Detezzjoni ta' prossimità lejn l-art

- (a) Meta membru tal-ekwipaġġ tat-titjira jew sistema ta' twissija ta' prossimità lejn l-art jidentifikaw prossimità mhux xierqa lejn l-art, il-bdot irid jieħu azzjoni korrettiva immedjata sabiex jistabbilixxi kundizzjonijiet sikuri tat-titjir.
- (b) Is-sistema ta' twissija ta' prossimità lejn l-art tista' tiġi diżattivata matul dawm il-kompiti speċjalizzati, li min-natura tagħhom jeħtieġu li l-inġenju tal-ajru jitħaddem fi ħdan distanza mill-art li hija inqas minn dik li għaliha tixgħel is-sistema ta' twissija ta' prossimità lejn l-art.

SPO.OP.205 Sistema ta' evitar ta' kollizzjoni fl-ajru (ACAS) — ajruplani u ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur

- (a) L-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri operattivi u programmi ta' taħriġ meta tkun installata u uttilizzabli s-sistema ta' evitar ta' kollizzjoni fl-ajru (ACAS - Airborne

Collision Avoidance System). Meta tintuża ACAS II, it-tali proċeduri u taħriġ għandhom ikunu konformi mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1332/2011².

- (b) L-ACAS tista' tiġi diżattivata matul dawk il-kompiti speċjalizzati, li min-natura taġġhom jeħtieġu li l-inġenji tal-ajru jiġu operati fi ħdan distanza minn xulxin li hija inqas minn dik li għaliha tixgħel l-ACAS.

SPO.OP.110 Il-kundizzjonijiet ta' avviċinament u nżul — ajruplani u elikopters

Qabel ma jinbeda avviċinament lejn l-art, il-bdot fil-kmand għandu jkun sodisfatt li, skont it-tagħrif disponibbli, it-temp fl-ajrudrom jew fis-sit operattiv u l-kundizzjoni tar-runway jew FATO maħsuba għall-użu ma jxekkklux avviċinament, inżul jew approċċ mhux milħuq sikur.

SPO.OP.110 Bidu u ssoktar ta' avviċinament — ajruplani u elikopters

- (a) Il-bdot fil-kmand jista' jibda avviċinament bi strument indipendentement mill-medda viżwali tar-runway/viżibilità (RVR/VIS - Runway Visual Range/Visibility).
- (b) Jekk l-RVR/VIS irraportata tkun inqas mill-minimu applikabbli, l-avviċinament ma għandux jtkompla:
 - (1) inqas minn għoli ta' 1 000 ft fuq l-ajrudrom; jew
 - (2) fl-aħħar segment tal-avviċinament f'każ fejn l-altitudni/għoli tad-deċiżjoni (DA/H - Decision Altitude/Height) jew l-altitudni minima/għoli minimu għall-inżul (MDA/H - Minimum Decision Altitude/Height) ikunu oġġla minn 1 000 ft fuq l-ajrudrom,
- (c) Meta ma tkunx disponibbli l-RVR, il-valuri tal-RVR jistgħu jiġi kkalkolati billi tiġi konvertita l-viżibilità rraportata.
- (d) Jekk, wara li jinqabeż l-għoli ta' 1 000 ft fuq l-ajrudrom, l-RVR/VIS irraportata taqa' taħt il-minimu applikabbli, l-avviċinament jista' jtkompla lejn DA/H jew MDA/H.
- (e) L-avviċinament jista' jtkompla taħt DA/H jew MDA/H u l-inżul jista' jitlesta dejjem jekk ir-referenza viżwali adegwata għat-tip ta' operazzjoni ta' avviċinament u għar-runway ipplanata tkun stabbilita fid-DA/H jew l-MDA/H u tinżamm.
- (f) L-RVR fiż-żona ta' kuntatt mal-art dejjem għandha tkun waħda li torbot.

SPO.OP.225 Limitazzjonijiet operattivi — blalen tal-arja li jaħdmu b'arja sħuna

Ballun li jaħdem b'arja sħuna jista' jitla' għat-titjira matul il-lejl, dejjem jekk jinġarr biżżejjed karburant għall-inżul matul li-jum.

SPO.OP.230 Proċeduri operattivi standard

- (a) L-operazzjonijiet speċjalizzati għandhom jitwettqu skont l-SOPs.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1332/2011 li jstabbilixxi r-rekwiżiti komuni dwar l-użu tal-ispazju tal-ajru u l-proċeduri operattivi għall-evitar ta' kollizzjonijiet fl-ajru, ĠU L 336, 20.12.2011 p. 20.

- (b) Qabel ma tibda operazzjoni speċjalizzata, l-operatur għandu jwettaq valutazzjoni tar-riskji u għandu jiżviluppa SOP xierqa. Bħala minimu, il-valutazzjoni tar-riskji u l-SOP għandhom jindirizzaw dan li ġej:
- (1) il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attività;
 - (2) l-inġenju tal-ajru u t-tagħmir;
 - (3) il-kompożizzjoni, it-taħriġ u l-esperjenza tal-ekwipaġġ;
 - (4) l-inkarigi tal-ispeċjalisti tal-kompiti;
 - (5) il-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru;
 - (6) it-trasport ta' oġġetti perikolużi;
 - (7) il-proċeduri normali, anormali u ta' emerġenza;
 - (8) it-tagħmir fuq l-art; u
 - (9) iż-żamma ta' rekords.
- (ċ) L-SOPs żviluppatti minn operatori kummerċjali għandhom ikunu approvati mill-awtorità kompetenti.

Subparti Ċ — Prestazzjoni u limitazzjonijiet operattivi tal-inġenji tal-ajru

SPO.POL.100 Limitazzjonijiet operattivi — l-inġenji kollha tal-ajru

- (a) Matul kwalunkwe fażi tal-operazzjoni, it-tagħbija, il-massa u, ħlief għall-blalen tal-arja, il-pożizzjoni taċ-ċentru ta' gravità (CG - Centre of Gravity) tal-inġenju tal-ajru għandhom jikkonformaw ma' kwalunkwe limitazzjoni speċifikata fil-manwal xieraq.
- (b) Tabelli, elenki, marki fuq strumenti, jew uħud minn dawn f'taħlita, li fihom dawki limitazzjonijiet operattivi preskritti mill-AFM għal rappreżentazzjoni viżwali, għandhom jitwerew fl-inġenju tal-ajru.

SPO.POL.105 Massa u bilanċ

- (a) L-operatur għandu jiżgura li l-massa u, ħlief għall-blalen tal-arja, is-CG tal-inġenju tal-ajru jkun għew stabbiliti minn ippeżar attwali qabel id-dħul inizjali fis-servizz. L-effetti akkumulati ta' modifiki u tiswijiet fuq il-massa u l-bilanċ għandhom jiġu rikonoxxuti u dokumentati kif xieraq. Dan it-tagħrif għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-bdot fil-kmand. L-inġenju tal-ajru għandu jerġa' jintiżen jekk l-effett tal-modifiki fuq il-massa u l-bilanċ ma jkunx magħruf bi preċiżjoni.
- (b) L-ippeżar għand jisir mill-manifattur tal-inġenju tal-ajru jew minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata.

SPO.POL.110 Sistema ta' massa u bilanċ — operazzjonijiet kummerċjali b'ajruplani u elikopters u operazzjonijiet mhux kummerċjali b'ingeni tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur

- (a) L-operatur għandu jistabbilixxi sistema ta' massa u bilanċ li tispeċifika kif inhuma determinati l-elementi li għejjin għal kull titjira jew serje ta' titjiriet:
- (1) il-massa solida tal-operat tal-inġenju tal-ajru;
 - (2) il-massa tat-tagħbija tat-traffiku;
 - (3) il-massa tat-tagħbija tal-karburant;
 - (4) it-tagħbija tal-inġenju tal-ajru u d-distribuzzjoni tat-tagħbija;
 - (5) il-massa tat-tluġh, massa tal-inżul u l-massa żero tal-karburant; u
 - (6) pożizzjonijiet tas-CG applikabbli tal-inġenju tal-ajru.
- (b) L-ekwipaġġ tat-titjira għandu jingħata mezz kif jirreplika u jivverifika kwalunkwe kalkolu tal-massa u l-bilanċ fuq il-bażi ta' kalkoli elettroniċi.
- (c) L-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri li jippermettu lill-bdot fil-kmand jiddetermina l-massa tat-tagħbija tal-fjuwil bl-użu tad-densità attwali jew, jekk din ma tkunx magħrufa, id-densità kkalkolata skont metodu speċifikat fil-manwal tal-operazzjonijiet.
- (d) Il-bdot fil-kmand għandu jiżgura li:
- (1) l-inġenju tal-ajru jitgħabba taħt is-superviżjoni ta' persunal ikkwalifikat; u
 - (2) it-tagħbija tat-traffiku titgħabba b'mod konsistenti mad-dejta użata għall-kalkolu tal-massa u l-bilanċ tal-inġenju tal-ajru.
- (e) Fil-manwal tal-operazzjonijiet, l-operatur għandu jispeċifika l-prinċipji u l-metodi involuti fit-tagħbija u fis-sistema ta' massa u bilanċ li jilhqg r-rekwiżiti li jinstabu f'(a) sa (d). Din is-sistema għandha tkopri t-tipi kollha ta' operazzjonijiet ipplanati.

SPO.POL.110 Dokumentazzjoni u dejta tal-massa u l-bilanċ — operazzjonijiet kummerċjali b'ajruplani u elikopters u operazzjonijiet mhux kummerċjali b'ingeni tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur

- (a) L-operatur għandu jistabbilixxi dejta dwar il-massa u l-bilanċ u jipproduċi dokumentazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ qabel kull titjira, jew serje ta' titjiriet, li fihom jispeċifika t-tagħbija u d-distribuzzjoni tagħha b'tali mod li l-limiti tal-massa u l-bilanċ tal-inġenju tal-ajru ma jinqabżux. Id-dokumentazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ għandu jkun fiha t-tagħrif li ġej:
- (1) ir-reġistrazzjoni u t-tip tal-inġenju tal-ajru;
 - (2) l-identifikazzjoni, in-numru u d-data tat-titjira, skont kif ikun applikabbli;
 - (3) isem il-bdot fil-kmand;
 - (4) isem il-persuna li ħejjiet id-dokument;
 - (5) il-massa solida tal-operat u s-CG korrispondenti tal-inġenju tal-ajru;
 - (6) il-massa tal-karburant fit-tluġh u l-massa tal-karburant tal-vjaġġ;
 - (7) il-massa tal-oġġetti konsumabbli minbarra l-karburant, jekk applikabbli;

- (8) il-komponenti tal-irmunkar;
 - (9) il-massa tat-tluġh, il-massa tal-inżul u l-massa żero tal-karburant;
 - (10) pożizzjonijiet tas-CG applikabbli tal-inġenju tal-ajru; u
 - (11) il-valuri ta' limitu tal-massa u s-CG.
- (b) Fejn id-dejta u d-dokumentazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ ikunu ġġenerati minn sistema tal-massa u l-bilanċ kompjuterizzata, l-operatur għandu jivverifika l-integrità tad-dejta maħruġa.

SPO.POL.116 Dejta u dokumentazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ — eżenzjonijiet parzjali

Minkejja SPO.POL.115 (a)(5), il-pożizzjoni tas-CG tista' ma tkunx fid-dokumentazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ, jekk id-distribuzzjoni tat-tagħbija tkun skont tabella ta' bilanċ ikkalkolata minn qabel jew jekk ikun jista' jintwera' li għall-operazzjonijiet ippjanati, jista' jiġi żgurat bilanċ korrett, tkun xi tkun it-tagħbija reali.

SPO.POL.120 Prestazzjoni — ġenerali

- (a) Il-bdot fil-kmand għandu jopera l-inġenju tal-ajru biss jekk il-prestazzjoni tkun adegwata biex tikkonforma mar-regoli applikabbli tal-ajru u kwalunkwe restrizzjonijiet oħrajn applikabbli għat-titjira, l-ispazju tal-ajru jew l-ajrudromi jew is-siti operattivi użati, filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-preċiżjoni tal-iċċartjar ta' kwalunkwe karti u mapep użati.
- (b) Il-bdot fil-kmand ma għandux jopera l-inġenju tal-ajru fuq iż-żoni f'konġestjoni tal-ibliet, l-irħula jew il-villaġġi jew fuq ġemgħa fil-miftuħ ta' persuni, jekk f'każ ta' ħsara fli-magna ma jkunx jista' jsir inżul mingħajr ma jiġi kkaġunat periklu evitabbli għal persuni jew proprjetà fuq l-art.

SPO.POL.125 Limitazzjonijiet fil-massa tat-tluġh — ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur

L-operatur għandu jiżgura li:

- (a) il-massa tal-ajruplan fil-bidu tat-tluġh ma għandhiex taqbeż il-limitazzjonijiet fuq il-massa:
 - (1) fit-tluġh, kif meħtieġ f'SPO.POL.130;
 - (2) matul it-titjira b'magna waħda inoperattiva (OEI - One Engine Inoperative), kif meħtieġ f'SPO.POL.135; u
 - (3) fl-inżul, kif meħtieġ f'SPO.POL.140,
 li jippermetti għal tnaqqis mistenni fil-massa hekk kif tipproċedi t-titjira, u għal rimi ta' karburant;
- (b) il-massa fil-bidu tat-tluġh qatt ma għandha taqbeż il-massa tat-tluġh massima speċifikata fl-AFM għall-altitudni ta' pressjoni xierqa għall-elevazzjoni tal-ajrudrom jew tas-sit operattiv, u jekk tintuża bħala parametru biex tiġi determinata l-massa massima tat-tluġh, kwalunkwe kundizzjoni atmosferika lokali oħra; u

- (ċ) il-massa stmata għall-ħin mistenni ta' nżul fl-ajrudrom jew fis-sit operattiv fejn hu ppjanat l-inżul u fi kwalunkwe ajrudrom alternattiv ta' destinazzjoni ma għandhiex taqbeż il-massa ta' nżul massima speċifikata fl-AFM għall-altitudni ta' pressjoni xierqa għall-elevazzjoni ta' dawk l-ajrudromi jew siti operattivi u jekk tintuża bħala parametru biex tiġi determinata l-massa ta' nżul massima, kwalunkwe kundizzjoni atmosferika lokali oħra.

SPO.POL.130 Tluġh — ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur

- (a) Meta jiddetermina l-massa tat-tluġh massima, il-bdot fil-kmand għandu jieħu f'kunsiderazzjoni dan li ġej:
- (1) id-distanza ta' tluġh ikkalkolata ma għandhiex taqbeż id-distanza tat-tluġh disponibbli b'distanza tal-mogħdija tal-ikklerjar li ma taqbiżx nofs il-ġirja għat-tluġh disponibbli;
 - (2) il-ġirja għat-tluġh ikkalkolata ma għandhiex taqbeż il-ġirja tat-tluġh disponibbli;
 - (3) valur uniku ta' V_1 għandu jintuża għat-tluġh miċħud u ssoktat, fejn V_1 hija speċifikata fl-AFM; u
 - (4) fuq runway imxarrba jew kontaminata, il-massa tat-tluġh ma għandhiex taqbeż dik permessa għal tluġh fuq runway niexfa fl-istess kundizzjonijiet.
- (b) Fil-każ ta' ħsara fil-magna matul it-tluġh, il-bdot fil-kmand għandu jiżgura li:
- (1) għall-ajruplan fejn V_1 hija speċifikata fl-AFM, l-ajruplan għandu jkun jista' jwaqqaf it-tluġh u jieqaf fi ħdan id-distanza aċċelerazzjoni-waqfien disponibbli; u
 - (2) għall-ajruplan fejn fl-AFM tkun speċifikata mogħdija tat-titjira netta għat-tluġh, l-ajruplan għandu jkun jista' jkompli bit-tluġh u jikklerja l-ostakli kollha matul il-mogħdija tat-titjira permezz ta' marġni adegwat sakemm l-ajruplan ikun f'pożizzjoni li jikkonforma ma' SPO.POL.135.

SPO.POL.135 Matul it-titjira — magna waħda inoperattiva — ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur

Il-bdot fil-kmand għandu jiżgura li fil-każ ta' magna li ssir inoperattiva fi kwalunkwe mument matul it-titjira, ajruplan b'ħafna magni għandu jkun lest ikompli t-titjira lejn ajrudrom jew sit operattiv adegwat mingħajr ma jtir f'xi mument taħt l-altitudni minima ta' kklirjar tal-ostakli.

SPO.POL.130 Inżul — ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur

Il-bdot fil-kmand għandu jiżgura li kwalunkwe ajrudrom jew sit operattiv, wara li jikklerja l-ostakli kollha fil-mogħdija ta' avviċinament b'marġni sikur, l-ajruplan għandu jkun jista' jinżel u jieqaf, jew idroplan sabiex jinżel għal veloċità baxxa sodisfaċenti, fi ħdan id-distanza ta' nżul disponibbli. Għandu jkun hemm konċessjoni għal varjazzjonijiet mistennija fit-tekniki ta' avviċinament u nżul, jekk it-tali konċessjoni ma tkunx saret fl-iskedar tad-dejta dwar il-prestazzjoni.

SPO.POL.145 Kriterji tal-prestazzjoni u operattivi — ajruplani

Meta ajruplan jitħaddem f'għoli ta' inqas minn 150 m (500 ft) fuq żona mhux f'konġestjoni, għal operazzjonijiet ta' ajruplani li mhumiex mibnija biex isostnu titjira f'livell fil-każ ta' ħsara kritika f'magna, l-operatur għandu:

- (a) jistabbilixxi proċeduri operattivi biex jimminimizza l-konsegwenzi ta' ħsara fil-magna;
- (b) jistabbilixxi programm ta' taħriġ għall-membri tal-ekwipaġġ; u
- (c) jiżgura li l-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti kollha abbord jingħataw tagħrif f'sinteżi dwar il-proċeduri li għandhom jitwettqu f'każ ta' nżul sfurzati.

SPO.POL.146 Kriterji tal-prestazzjoni u operattivi — helicopters

(a) Minkejja SPO.POL.120(b), il-bdot fil-kmand jista' jopera ingenu tal-ajru fuq żoni f'konġestjoni dejjem jekk:

- (1) il-ħelikopter ikun ċertifikat fil-kategorija A jew B; u
- (2) il-miżuri ta' sigurtà huma stabbiliti biex jiġi evitat periklu mhux dovut għal persuni jew proprjetà fuq l-art u l-operazzjoni tal-SOP tagħha jkunu approvati

(b) L-operatur għandu:

- (1) jistabbilixxi proċeduri operattivi biex jimminimizza l-konsegwenzi ta' ħsara fil-magna;
- (2) jistabbilixxi programm ta' taħriġ għall-membri tal-ekwipaġġ; u
- (3) jiżgura li l-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti kollha abbord jingħataw tagħrif f'sinteżi dwar il-proċeduri li għandhom jitwettqu f'każ ta' nżul sfurzati.

(c) L-operatur għandu jiżgura li l-massa fit-tluġh, fl-inżul jew f'titjir stazzjonarji ma taqbiż il-massa massima speċifikata għal:

- (1) titjir stazzjonarju mingħajr effett tal-art (HOGE - Hover Out of Ground Effect) bil-magni kollha li joperaw fil-grad ta' enerġija xieraq; jew
- (2) jekk il-kundizzjonijiet jindikaw li huwa improbabbli li jiġi stabbilit HOGE, il-massa tal-ħelikopter ma għandhiex taqbeż il-massa massima speċifikata għal titjir stazzjonarju taħt l-effett tal-art (HIGE - Hover In Ground Effect) bil-magni kollha joperaw bil-grad ta' enerġija xieraq, dejjem jekk il-kundizzjonijiet prevalenti jippermettu titjir stazzjonarju taħt l-effett tal-art bil-massa massima speċifikata.

Subparti D — Strumenti, dejta u tagħmir

Sezzjoni 1 — Ajruplani

SPO.IDE.A.100 Strumenti u tagħmir — ġenerali

- (a) L-istrumenti u t-tagħmir meħtieġa minn din is-Subparti għandhom ikunu approvati skont ir-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà applikabbli jekk huma:
- (1) użati mill-ekwipaġġ tat-titjira biex jikkontrolla l-mogħdija tat-titjira, biex ikun hemm konformità ma' SPO.IDE.A.215 u SPO.IDE.A.220; jew
 - (3) installati fl-ajruplan.
- (b) L-oġġetti li ġejjin, meta jkunu meħtieġa minn din is-Subparti, ma jeħtiġux approvazzjoni tat-tagħmir:
- (1) il-fjuseri żejda,
 - (3) id-dwal awtonomi li jinġarru,
 - (3) strument ta' ħin preċiż,
 - (4) il-ħowlder taċ-ċarts,
 - (5) il-kitts tal-ewwel għajnuna,
 - (6) it-tagħmir tas-salvataġġ u tas-sinjali, u
 - (7) l-ankra u t-tagħmir tal-baħar għall-irmiġġ.
- (c) L-istrumenti u t-tagħmir li mhumiex meħtieġa minn din is-Subparti kif ukoll kwalunkwe tagħmir ieħor li mhuwiex meħtieġ minn Annessi applikabbli oħrajn, iżda li jinġarru fuq titjira, għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej:
- (1) it-tagħrif ipprovdut minn dawn l-istrumenti, tagħmir jew aċċessorji ma għandux jintuża mill-ekwipaġġ tat-titjira biex ikun hemm konformità mal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 216/2008 jew SPO.IDE.A.215 u SPO.IDE.A.220;
 - (2) l-istrumenti u t-tagħmir ma għandhomx jaffettwaw l-ajrunavigabbiltà tal-ajruplan, lanqas fil-każ ta' ħsarat jew malfunzjoni.
- (d) L-istrumenti u t-tagħmir għandhom ikunu lesti għall-użu jew aċċessibbli mill-istazzjon fejn ikun bilqiegħda l-membru tal-ekwipaġġ tat-titjira li jeħtieġ jużahom.
- (e) Dawk l-istrumenti li jintużaw minn membru tal-ekwipaġġ ta' titjira għandhom ikunu mqiegħda b'tali mod li jippermetti lill-membru tal-ekwipaġġ tat-titjira sabiex jara l-indikazzjonijiet mill-ewwel mill-istazzjon tiegħu, bid-devjazzjoni prattikabbli minima mill-pożizzjoni u l-linja viżiva li normalment jassumi meta jħares 'il quddiem tul il-mogħdija tat-titjira.
- (f) It-tagħmir ta' emerġenza kollu meħtieġ għandu jkun faċilment aċċessibbli għal użu minnufih.

SPO.IDE.A.105 Tagħmir minimu għat-titjira

Titjira ma għandhiex tinbeda meta kwalunkwe wieħed mill-instrumenti, oġġetti tat-tagħmir jew funzjonijiet tal-ajruplan meħtieġa għat-titjira ppjanata jkunu inoperattivi jew neqsin, sakemm:

- (a) l-ajruplan jitħaddem skont il-lista ta' tagħmir minimu (MEL), jekk tkun stabbilita;
- (b) għal ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur u għal kwalunkwe ajruplan użat f'operazzjonijiet kummerċjali, l-operatur huwa approvat mill-awtorità kompetenti sabiex jopera l-ajruplan fi ħdan il-limiti tal-lista defnittiva ta' tagħmir minimu (MMEL - Master Minimum Equipment List); jew
- (c) l-ajruplan huwa soġġett għal permess biex itir maħruġ skont ir-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà applikabbli.

SPO.IDE.A.110 Fjusus elettriċi żejda

L-ajruplani għandhom ikunu mgħammra b'fjusus elettriċi żejda, tal-grad meħtieġa għal protezzjoni sħiħa taċ-ċirkwit, għall-bidla ta' dawk li fjusus li jitħallew jinbidlu matul it-titjira.

SPO.IDE.A.115 Dwal operattivi

L-ajruplani mħaddma bil-lejl għandhom ikunu mgħammra b':

- (a) sistema ta' dawl ta' kontra l-ħabtiet;
- (b) dawl ta' navigazzjoni/pożizzjoni;
- (c) dawl ta' nżul;
- (d) dawl fornit mis-sistema elettrika tal-ajruplan biex tiġi pprovduta illuminazzjoni adegwata għall-istrumenti u t-tagħmir kollha meħtieġa għall-operazzjoni sikura tal-ajruplan;
- (e) id-dawl fornit mis-sistema elettrika tal-ajruplan biex jipprovdi illuminazzjoni fil-kompartimenti tal-kabina kollha;
- (f) dawl awtonomu li jinġarr għal kull stazzjon tal-membri tal-ekwipaġġ; u
- (g) dawl biex ikun hemm konformità mar-Regolamenti Internazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Ħbit fuq il-Baħar jekk l-ajruplan jitħaddem bħala idroplan.

SPO.IDE.A.120 Operazzjonijiet skont il-VFR — strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni u tagħmir assoċjat

- (a) L-ajruplani mħaddma skont il-VFR matul il-jum għandhom ikunu mgħammra b'mezzi ta' tkejjil u wiri ta' dan li ġej:
 - (1) il-pruwa manjetika,
 - (2) il-ħin fsigħat, minuti u sekondi,
 - (3) l-altitudni tal-pressjoni,
 - (4) il-veloċità tal-ajru indikata,

- (5) In-numru Mach kull meta l-limitazzjonijiet tal-veloċità jkunu espressi f'termini ta' numru Mach, u
- (6) iż-żelqa għal ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur.
- (b) Minbarra (a), l-ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur li joperaw f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi viżwali (VMC) fuq il-baħar u lil hinn mill-kosta u l-ajruplani kollha li jaħdmu f'VMC bil-lejl, jew f'kundizzjonijiet li fihom l-ajruplan ma jistax jinżamm f'mogħdija tat-titjira mixtieqa mingħajr referenza għal strument addizzjonali wieħed jew iktar, għandhom ikunu mgħammra b':
- (1) mezz li jkejje u juri dan li ġej:
- (i) id-dawran u ż-żelqa,
- (ii) l-attitudni,
- (iii) il-veloċità vertikali, u
- (iv) il-pruwa stabbilizzata;
- (2) mezz li jindika meta l-provvista tal-enerġija għall-istrumenti ġiroskopiċi ma tkunx adegwata; u
- (3) għal ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur, mezz li jipprevjeni ħsara tas-sistema li tindika l-veloċità tal-ajra meħtieġa f'(a)(4) minħabba kondensazzjoni jew formazzjoni ta' silġ.
- (ċ) Ajruplani li mhumiex ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur operati f'kundizzjonijiet fejn ma jistgħux jinżammu f'mogħdija tat-titjira mixtieqa mingħajr referenza għal strument addizzjonali wieħed jew iktar, għandhom ikunu, minbarra (a) u (b), mgħammra b'mezz ta' prevenzjoni ta' malfunzjoni tas-sistema li tindika l-veloċità tal-arja meħtieġa f'(a)(4) minħabba kondensazzjoni jew formazzjoni ta' silġ.
- (d) Kull meta jkunu meħtieġa żewġ bdoti għall-operazzjoni, l-ajruplani għandhom jiġu mgħammra b'mezz separat li juri dan li ġej:
- (1) l-altitudni tal-pressjoni,
- (2) il-veloċità tal-ajru indikata,
- (3) iż-żelqa, jew id-dawran u ż-żelqa, kif applikabbli,
- (4) l-attitudni, jekk applikabbli;
- (5) il-veloċità vertikali, jekk applikabbli
- (6) il-pruwa stabbilizzata, jekk applikabbli, u
- (7) in-numru Mach kull meta l-limitazzjonijiet tal-veloċità jkunu espressi f'termini ta' numru Mach, jekk applikabbli.

SPO.IDE.A.125 Operazzjonijiet skont l-IFR — strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni u tagħmir assoċjat

L-ajruplani operati skont l-IFR għandhom ikunu mgħammra b':

- (a) mezz li jkejje u juri dan li ġej:
- (1) il-pruwa manjetika,

- (2) il-ħin f'sigħat, minuti u sekondi,
 - (3) l-altitudni tal-pressjoni,
 - (4) il-veloċità tal-ajru indikata,
 - (5) il-veloċità vertikali,
 - (6) id-dawran u ż-żelqa,
 - (7) l-attitudni,
 - (8) il-pruwa stabbilizzata,
 - (9) it-temperatura tal-arja fuq barra, u
 - (10) in-numru Mach kull meta l-limitazzjonijiet tal-veloċità jkunu espressi f'termini ta' numru Mach;
- (b) mezz li jindika meta l-provvista tal-enerġija għall-istrumenti ġiroskopiċi ma tkunx adegwata.
- (ċ) kull meta jkunu meħtieġa żewġ bdoti għall-operazzjoni, mezz separat addizzjonali ta' wiri għat-tieni bdot:
- (1) l-altitudni tal-pressjoni,
 - (2) il-veloċità tal-ajru indikata,
 - (3) il-veloċità vertikali,
 - (4) id-dawran u ż-żelqa,
 - (5) l-attitudni,
 - (6) il-pruwa stabbilizzata, u
 - (7) in-numru Mach kull meta l-limitazzjonijiet tal-veloċità jkunu espressi f'termini ta' numru Mach, jekk applikabbli;
- (d) mezz li jipprevjeni malfunzjoni tas-sistema li tindika l-veloċità tal-ajra meħtieġa f'(a)(4) u (ċ)(2) minħabba kondensazzjoni jew formazzjoni ta' silġ; u
- (e) għal ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur:
- (1) sors alternattiv ta' pressjoni statika;
 - (2) ħolwder tal-karti f'pożizzjoni faċilment leġibbli li jista' jiġi illuminat għal operazzjonijiet bil-lejl;
 - (3) mezz indipendenti ieħor ta' kejl u wiri tal-altitudni sakemm ma jkunx diġà installat biex ikun hemm konformità ma' (e)(1); u
 - (4) provvista tal-enerġija ta' emerġenza, indipendenti mis-sistema ta' ġenerazzjoni elettrika ewlenija, għall-finijiet ta' operazzjoni u illuminazzjoni ta' sistema li tindika l-attitudni għal perjodu minimu ta' 30 minuta. Il-provvista tal-enerġija ta' emerġenza għandha tkun awtomatikament operattiva wara li ma tibqax taħdem kompletament is-sistema ta' ġenerazzjoni elettrika ewlenija u għandha tingħata indikazzjoni ċara fuq l-istrument li l-indikatur tal-attitudni qiegħed ikun operat permezz ta' enerġija ta' emerġenza.

SPO.IDE.A.126 Tagħmir addizzjonali għal operazzjoni bi bdot wieħed skont l-IFR

L-ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur operati skont l-IFR bi bdot wieħed għandhom ikunu mgħammra b'awtobdot li tal-inqas jista' jżomm l-altitudni u r-rotta.

SPO.IDE.A.130 Sistema ta' twissija għal attenzjoni għall-art (TAWS)

Ajruplani li jaħdmu b'turbina b'massa massima ċertifikata tat-tluġh (MCTOM - Maximum Certified Take-Off Mass) ta' aktar minn 5 700 kg għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' twissija għal attenzjoni għall-art (TAWS - Terrain Awareness Warning System) li tissodisfa r-rekwiżiti għal:

- (a) tagħmir tal-klassi A, kif speċifikat fi standard aċċettabbli, fil-każ ta' ajruplani li għalihom iċ-ċertifikat individwali ta' ajrunavigabbiltà (CofA) ikun inħarġilhom wara l-1 ta' Jannar 2011; jew
- (b) tagħmir tal-klassi B, kif speċifikat fi standard aċċettabbli, fil-każ ta' ajruplani li għalihom is-CofA individwali jkun inħarġilhom fl-1 ta' Jannar 2011 jew qabel.

SPO.IDE.A.131 Sistema ta' prevenzjoni ta' ħabtiet fl-ajru (ACAS)

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mir-Regolament (UE) Nru 1332/2011. L-ajruplani li jaħdmu b'turbina b'MCTOM ta' aktar minn 5 700 kg għandhom ikunu mgħammra b'ACAS II.

SPO.IDE.A.132 Tagħmir abbord għall-identifikazzjoni tat-temp — ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur

L-ajruplani li ġejjin għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir abbord għall-identifikazzjoni tat-temp meta jitħaddmu bil-lejl jew f'IMC f'żoni li matul ir-rotta tista' tkun mistennija l-eżistenza ta' maltempati jew kundizzjonijiet tat-temp oħrajn potenzjalment perikolużi, li huma meqjusa bħala identifikabbli b'tagħmir abbord għall-identifikazzjoni tat-temp:

- (a) ajruplani ppressati;
- (b) ajruplani mhux ippressati b'MCTOM ta' aktar minn 5 700 kg.

SPO.IDE.A.133 Tagħmir addizzjonali għal operazzjonijiet f'kundizzjonijiet ta' formazzjoni tas-silġ bil-lejl — ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur

- (a) L-ajruplani operati f'kundizzjonijiet ta' silġ mistennija jew attwali bil-lejl għandhom ikunu mgħammra b'mezzi li jilluminaw jew jidentifikaw formazzjoni ta' silġ.
- (b) Il-mezzi li jilluminaw il-formazzjoni tas-silġ ma għandhomx jikkaġunaw dija jew riflessjoni li tista' tfixxkel lill-membri tal-ekwipaġġ meta dawk ikunu qed jaqdu dmirijiethom.

SPO.IDE.A.135 Sistema ta' telefonija interna għall-ekwipaġġ tat-titjira

L-ajruplani operati minn aktar minn membru wieħed tal-ekwipaġġ tat-titjira għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' telefonija interna għall-ekwipaġġ tat-titjira, li tinkludi kuffji tal-widna u mikrofoli għall-użu mill-membri kollha tal-ekwipaġġ tat-titjira.

SPO.IDE.A.140 Reġistratur tal-vuċi fil-kokpit

- (a) L-ajruplani li ġejjin għandhom ikunu mgħammra b'reġistratur tal-vuċi fil-kokpit (CVR - Cockpit Voice Recorder):
- (1) ajruplani b'MCTOM ta' aktar minn 27 000 kg u li nħarġilhom l-ewwel CofA indiviwali fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara, u
 - (2) ajruplani b'MCTOM ta' aktar minn 2 250 kg:
 - (i) iċċertifikati għall-operazzjoni b'ekwipaġġ minimu ta' tal-inqas żewġ bdoti;
 - (ii) mgħammra b'magna/i turboġett jew iktar minn magna turboskrun waħda; u
 - (iii) li għalihom l-ewwel ċertifikat tat-tip inħarġilhom fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara.
- (b) Is-CVR għandu jkun kapaci jzomm dejta rreġistrata matul tal-inqas is-sagħtejn preċedenti.
- (c) Is-CVR għandu jirreġistra b'referenza għal skala tal-ħin:
- (1) il-komunikazzjonijiet bil-vuċi trasmessi minn jew riċevuti fil-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira bir-radju;
 - (2) komunikazzjonijiet bil-vuċi mill-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira li jużaw is-sistema ta' telefonija interna u s-sistema ta' indirizz pubbliku, jekk dawn ikunu installati;
 - (3) l-ambjent tas-smiġh tal-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira, inklużi, mingħajr interruzzjoni, is-sinjali tal-awdjo riċevuti minn kull mikrofonu li jirbomba u mikrofonu fil-maskla li jkunu qed jintużaw; u
 - (4) is-sinjali tal-vuċi jew tal-awdjo li jidentifikaw l-għajnuniet ta' navigazzjoni jew avvċinament introdotti f'kuffji tal-widna jew lawdspiker.
- (d) Is-CVR għandu jibda b'mod awtomatiku biex jirreġistra qabel ma l-ajruplan jibda jitmexxa bl-enerġija proprja tiegħu u għandu jibqa' jirreġistra sa tmiem it-titjira meta l-ajruplan ma jibqax kapaċi jitmexxa bl-enerġija proprja tiegħu.
- (e) Minbarra (d), skont id-disponibilità tal-enerġija elettrika, is-CVR għandu jibda jirreġistra malajr kemm jista' jkun matul il-verifiki tal-kokpit qabel ma tinxtegħel il-magna fil-bidu tat-titjira sakemm il-verifiki tal-kokpit ta' eżatt wara li tintefa' l-magna fi tmiem it-titjira.
- (f) Is-CVR għandu jkollu strument li jassisti fil-lokalizzazzjoni tiegħu fl-ilma.

SPO.IDE.A.145 Reġistratur tad-dejta tat-titjira

- (a) L-ajruplani b'MCTOM ta' aktar minn 5 700 kg u li nħarġilhom l-ewwel CofA tagħhom fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara għandhom ikunu mgħammra b'reġistratur tad-dejta tat-titjira (FDR - Flight Data Recorder) li juża metodu diġitali ta' reġistrazzjoni u ħżin ta' dejta li għalihom ikun hemm għad-dispożizzjoni metodu li minnufih isib id-dejta mill-istrument ta' ħżin.
- (b) L-FDR għandu jirreġistra l-parametri meħtieġa biex jiġu determinati bi preċiżjoni l-mogħdija tat-titjira, il-veloċità, l-attitudni, l-enerġija tal-magna, il-konfigurazzjoni u l-

operazzjoni tal-ajruplan u jkun jifhal iżomm dejta rreġistrata matul tal-inqas il-25 siegħa preċedenti.

- (c) Id-dejta għandha tinkiseb mis-sorsi tal-ajruplan li jippermettu korrelazzjoni preċiża mat-tagħrif muri lill-ekwipaġġ tal-ajru.
- (d) L-FDR għandu jibda b'mod awtomatiku biex jirreġistra d-dejta qabel ma l-ajruplan ikun jista' jibda jitmexxa bl-enerġija proprja tiegħu u għandu jjeqaf b'mod awtomatiku wara li l-ajruplan ma jibqax kapaċi jitmexxa bl-enerġija proprja tiegħu.
- (e) L-FDR għandu jkollu strument li jassisti fil-lokalizzazzjoni tiegħu fl-ilma.

SPO.IDE.A.150 Reġistrazzjoni li tikkollega d-dejta

- (a) L-ajruplani li jkun inħariġilhom l-ewwel CofA individwali fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara li jkollhom il-kapaċità li joperaw komunikazzjonijiet ta' kollegament ta' dejta u meħtieġa jkunu mgħammra b'CVR għandhom jirreġistraw fuq regisratur, fejn applikabbli:
 - (1) il-messaġġi tal-komunikazzjonijiet ta' kollegament tad-dejta relatati mal-komunikazzjonijiet tal-ATS lejn u mill-ajruplan, inklużi messaġġi li japplikaw għall-applikazzjonijiet li ġejjin:
 - (i) bidu ta' kollegament ta' dejta;
 - (ii) komunikazzjoni bejn il-kontrollur u l-bdot;
 - (iii) sorveljanza indirizzata;
 - (iv) tagħrif dwar it-titjira;
 - (v) sa fejn ikun prattikabbli, minħabba l-arkitettura tas-sistema, is-sorveljanza tax-xandir tal-inġenju tal-ajru;
 - (vi) sa fejn ikun prattikabbli, minħabba l-arkitettura tas-sistema, id-dejta tal-kontroll operattiv tal-inġenju tal-ajru; u
 - (vii) sa fejn ikun prattikabbli, minħabba l-arkitettura tas-sistema, il-grafika;
 - (2) it-tagħrif li jippermetti l-korrelazzjoni ma' kwalunkwe reġistrazzjonijiet assoċjati relatati mal-komunikazzjonijiet ta' kollegament tad-dejta u maħżuna b'mod separat mill-ajruplan; u
 - (3) tagħrif dwar il-ħin u l-prijorità tal-messaġġi ta' komunikazzjonijiet ta' kollegament tad-dejta, filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-arkitettura tas-sistema.
- (b) Ir-reġistratur għandu juża metodu diġitali ta' reġistrazzjoni u ħżin ta' dejta u tagħrif u metodu għas-sejbien minnufih ta' dik id-dejta. Il-metodu ta' reġistrazzjoni għandu jippermetti sabiex id-dejta taqbel mad-dejta rreġistrata fuq l-art.
- (c) Ir-reġistratur għandu jkun kapaċi jżomm dejta rreġistrata għal tal-inqas l-istess demwien kif stipulat għas-CVRs f'SPO.IDE.A.140.
- (d) Ir-reġistratur għandu jkollu strument li jassisti fil-lokalizzazzjoni tiegħu fl-ilma.
- (e) Ir-reqwiziti applikabbli għal-loġika tal-bidu u l-waqfien tar-reġistratur huma l-istess bħar-reqwiziti aġġlikabbli għal-loġika tal-bidu u l-waqfien tas-CVR li jinstabu f'SPO.IDE.A.140 (d) u (e).

SPO.IDE.A.155 Reġistratur ikkombinat tad-dejta tat-titjira u tal-vuċi fil-kokpit

Konformità mar-rekwiżti tas-CVR u r-rekwiżiti tal-FDR tista' tinkiseb permezz ta':

- (a) reġistratur ikkombinat tad-dejta tat-titjira u tal-vuċi fil-kokpit jekk l-ajruplan irid jiġi mġhammar b'CVR jew FDR; jew
- (b) żewġ reġistraturi kkombinati tad-dejta tat-titjira u tal-vuċi fil-kokpit jekk l-ajruplan irid jiġi mġhammar b'CVR u FDR.

SPO.IDE.A.160 Sedili, ċinturini tas-sigurtà tas-sedili u sistemi ta' rbit

L-ajruplani għandhom jiġu mġhammra b':

- (a) sedil jew stazzjon għal kull membru tal-ekwipaġġ jew speċjalist tal-kompitu abbord;
- (b) ċinturin tas-sigurtà fuq kull sedil, u strumenti ta' rbit għal kull stazzjon;
- (c) għal ajruplani oħrajn li mhumiex ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur, ċinturin tas-sigurtà b'sistema ta' trażżin mis-sider fuq is-sedil ta' kull membru tal-ekwipaġġ tat-titjira, b'punt ta' rilaxx wieħed.
- (d) għal ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur, ċinturin tas-sigurtà b'sistema ta' trażżin mis-sider, b'punt ta' rilaxx wieħed u li jinkorpora strument li b'mod awtomatiku jżomm sider l-okkupant fil-każ ta' deċelerazzjoni rapida;
 - (1) fuq is-sedil ta' kull membru tal-ekwipaġġ u fuq kwalunkwe sedil maġenb sedil ta' bdot; u
 - (2) fuq is-sedil ta' kull osservatur li jinstab fil-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira.

SPO.IDE.A.165 Kitt tal-ewwel għajnuna

- (a) L-ajruplani għandhom ikunu mġhammra b'kitt tal-ewwel għajnuna.
- (b) Il-kitt tal-ewwel għajnuna għandha tkun:
 - (1) aċċessibbli minnufih għall-użu; u
 - (2) miżmuma aġġornata.

SPO.IDE.A.170 Ossigġu supplimentali — ajruplani ppressati

- (a) L-ajruplani ppressati operati f'altitudnijiet tat-titjir li għalihom hija meħtieġa l-provvista tal-ossigġu skont (b) għandhom ikunu mġhammra b'apparat ta' ħżin u tqassim ta' ossigġu li kapaċi jaħżen u jqassam il-provvisti tal-ossigġu meħtieġa.
- (b) L-ajruplani ppressati operati f'livelli oġhla ta' altitudnijiet tat-titjir li fihom l-altitudni tal-pressjoni fil-kompartimenti tal-kabina tkun oġhla minn 10 000 ft għandhom iġorru biżżejjed ossigġu għan-nifs biex tal-inqas jaqdi lill-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti kollha:
 - (1) għal kwalunkwe perjodu meta l-altitudni tal-pressjoni tal-kabina taqbeż il-15 000 ft, iżda fl-ebda każ provvista ta' inqas minn 10 minuti;
 - (2) għal kwalunkwe perjodu meta, fil-każ ta' telf ta' pressjoni u filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tat-titjira, l-altitudni tal-pressjoni fil-kompartiment

- tal-ekwipaġġ tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina sejra tkun bejn 14 000 ft u 15 000 ft;
- (3) għal kwalunkwe perjodu li jaqbeż it-30 minuta meta l-altitudni tal-pressjoni fil-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina sejra tkun bejn 10 000 ft u 14 000 ft; u
- (4) għal mhux inqas minn 10 minuti, f'każ ta' ajruplani operati f'altitudnijiet ta' pressjoni oġhla minn 25 000 ft, jew operati taħt dik l-altitudni, iżda f'kundizzjonijiet li mhumiex sejrin jippermettulhom jinżlu b'mod sikur għal altitudni tal-pressjoni ta' 13 000 ft fi żmien 4 minuti.
- (ċ) Barra minn hekk, l-ajruplani ppressati operati f'altitudnijiet tat-titjir oġhla minn 25 000 ft għandhom ikunu mgħammra bi:
- (1) strument li jipprovdi indikazzjoni ta' twissija għall-ekwipaġġ tat-tijir ta' kwalunkwe telf ta' pressjoni; u
- (3) maskri tal-ossiġenu li jintlibsu malajr għall-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira, fil-każ ta' ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur.

SPO.IDE.A.175 Ossiġenu supplimentali — ajruplani mhux ipressati

- (a) L-ajruplani mhux ipressati operati f'altitudnijiet tat-titjir meta tkun meħtieġa l-provvista tal-ossiġenu skont (b) għandhom ikunu mgħammra b'apparat ta' ħżin u tqassim ta' ossiġenu li kapaċi jaħżen u jqassam il-provvisti tal-ossiġenu meħtieġa.
- (b) L-ajruplani mhux ipressati operati f'livelli oġhla ta' altitudnijiet tat-titjir li fihom l-altitudni tal-pressjoni fil-kompartimenti tal-kabina tkun oġhla minn 10 000 ft għandhom iġorru biżżejjed ossiġenu għan-nifs biex jaqdi:
- (1) lill-membri kollha tal-ekwipaġġ għal kwalunkwe perjodu li jaqbeż it-30 minuta meta l-altitudni tal-pressjoni fil-kompartiment tal-kabina sejra tkun bejn 10 000 ft u 13 000 ft; u
- (2) il-persuni kollha abbord għal kwalunkwe perjodu li matulu, l-altitudni tal-pressjoni fil-kompartiment tal-kabina sejra tkun ta' iktar minn 13 000 ft.
- (ċ) Minkejja (b), l-eskursjonijiet ta' dewmien speċifikat bejn 13 000 ft u 16 000 ft jistgħu jitwettqu mingħajr provvisti tal-ossiġenu, skont SPO.OP.195(b).

SPO.IDE.A.180 Pompi tal-idejn għat-tifi tan-nar

- (a) L-ajruplani kollha, minbarra l-gliders bil-mutur tat-touring (TMG), għandhom ikunu mgħammra b'tal-inqas pompa tal-idejn waħda għat-tifi tan-nar:
- (1) fil-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira; u
- (2) f'kull kompartiment tal-kabina li huwa separat mill-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-itjira, ħlief jekk il-kompartiment ikun aċċessibbli mill-ewwel għall-ekwipaġġ tat-titjira.
- (b) It-tip u l-kwantità ta' aġent għat-tifi tan-nar għall-pompi għat-tifi tan-nar meħtieġa għandhom ikunu xierqa għat-tip ta' nar li aktarx li jista' jseħħ fil-kompartiment fejn ikun maħsub l-użu tal-pompa u sabiex jimminimizza l-konċentrazzjoni ta' gass tossiku f'kompartimenti okkupati minn nies.


SPO.IDE.A.181 Mannari ta' salvataġġ u traversi

L-ajruplani b'MCTOM ta' iktar minn 5 700 kg għandhom ikunu mgħammra b'tal-inqas mannara jew traversa waħda li tinstab fil-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira.

SPO.IDE.A.185 Immarkar ta' postijiet fejn jista' jkun hemm dħul

Jekk ikunu mmarkati żoni tal-qafas tal-ajruplan adattati għad-dħul minn ekwipaġġi ta' salvataġġ f'emerġenza, it-tali żoni jridu jkunu mmarkati kif muri fil-Figura 1.

Figura 1: Immarkar ta' postijiet fejn jista' jkun hemm dħul

**SPO.IDE.A.190 Transmitter li jillocalizza l-emerġenzi (ELT)**

- (a) L-ajruplani għandhom ikunu mgħammra b':
- (1) transmitter li jillocalizza l-emerġenzi (ELT - Emergency Locator Transmitter) ta' kwalunkwe tip, meta jinħareġ għall-ewwel darba ma' CofA individwali fl-1 ta' Lulju 2008 jew qabel;
 - (2) ELT awtomatiku, meta jinħareġ għall-ewwel darba ma' CofA individwali fl-1 ta' Lulju 2008 jew wara; jew
 - (3) ELT ta' salvataġġ (ELT(s)) jew 'beacon' lokalizzatur personali (PLB - Personal Locator Beacon), li jinġarr minn membru tal-ekwipaġġ jew speċjalist tal-komputu, meta ċċertifikat għal konfigurazzjoni massima tal-postijiet ta' bilqiegħda ta' sitta jew inqas.
- (b) ELTs ta' kwalunkwe tip u PLBs għandhom ikunu kapaċi jittrasmettu b'mod simultanju fuq 121.5 MHz u 406 MHz.

SPO.IDE.A.195 Titjira fuq l-ilma

- (a) L-ajruplani li ġejjin għandhom ikunu mgħammra b'ġakketta tas-salvataġġ għal kull persuna abbord, li għandha tintlibes jew tiġi stivata f'pożizzjoni li fiha tkun immedjatament aċċessibbli mis-sedil jew mill-istazzjon tal-persuna li għandha tagħmel użu minnha:
- (1) ajruplani tal-art b'magna waħda meta:

- (i) issir titjira fuq l-ilma lil hinn mid-distanza ta' gliding mill-art; jew
- (ii) tluġh jew inżul f'ajrudrom jew sit operattiv fejn, fil-fehma tal-bdot fil-kmand, il-mogħdija ta' tluġh jew avviċinament tant tkun lil hinn fuq l-ilma li jkun hemm probabilità ta' nżul ta' emerġenza;
- (2) gliders operati fuq l-ilma; u
- (3) ajruplani operati f'distanza lil hinn mill-art fejn ikun possibbli nżul ta' emerġenza ikbar minn dik li tikkorrispondi għal 30 minuta ta' veloċità ta' titjir normali jew 50 NM, skont liema minn dawn ikun l-inqas.
- (b) Kull ġakketta ta' salvataġġ għandha tkun mgħammra b'mezz ta' illuminazzjoni elettrika sabiex tiġi faċilitata l-lokalizzazzjoni tal-persuni.
- (c) L-idroplani mħaddma fuq l-ilma għandhom ikunu mgħammra b':
 - (1) ankra tal-baħar u tagħmir ieħor ieħor biex jiġi faċilitat l-irbit, l-ankrar jew l-immanuvrar tal-ajruplan fuq l-ilma, adattati għad-daqs, il-piż u l-karatteristiċi ta' kontroll tiegħu; u
 - (2) tagħmir biex isiru s-sinjali bil-ħoss kif preskritt fir-Regolamenti Internazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Ħbit fuq il-Baħar, fejn applikabbli.
- (d) Il-bdot fil-kmand ta' ajruplan operat f'distanza lil hinn mill-art fejn ikun possibbli nżul ta' emerġenza ikbar minn dak li jikkorrispondi għal 30 minuta b'veloċità normali ta' titjir jew 50 NM, skont liema jkun l-inqas wieħed, għandu jiddetermina r-riskji għas-sopravvivenza tal-okkupanti tal-ajruplan fil-każ ta' nżul ta' emerġenza, li fuq il-bażi tagħhom għandu jiddetermina l-ġarr ta':
 - (1) tagħmir biex isiru sinjali ta' distress;
 - (2) biżżejjed cattriet ta' salvataġġ biex iġorru l-persuni kollha abbord, stivati sabiex jiġi faċilitat l-użu minnufih tagħhom f'emerġenza; u
 - (3) tagħmir li jsalva l-ħajja, biex jipprovdi mezz għas-salvataġġ tal-ħajja, kif ikun xieraq għat-titjira li sejra titwettag.

SPO.IDE.A.200 Tagħmir ta' sopravvivenza

- (a) L-ajruplani operati fuq żoni li fihom it-tiftix u s-salvataġġ ikunu partikolarment diffiċli għandhom ikunu mgħammra b':
 - (1) tagħmir għas-senjalar biex isiru sinjali ta' distress;
 - (2) tal-inqas ELT wieħed tas-salvataġġ (ELT(S)); u
 - (3) tagħmir addizzjonali għas-salvataġġ għar-rotta li għandha tittajjar filwaqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni n-numru ta' persuni abbord.
- (b) It-tagħmir ta' sopravvivenza addizzjonali speċifikat f'(a)(3) ma għandux għalfejn jinġarr meta l-ajruplan:
 - (1) jibqa' fi ħdan distanza minn żona fejn it-tiftix u r-riċerka ma jkunux partikolarment diffiċli u jikkorrispondu għal:
 - (i) 120 minuta b'veloċità ta' titjir b'magna waħda inoperattiva (OEI) għall-ajruplani li kapaċi jkomplu t-titjira lejn ajrudrom b'magna/i kritika/i li jsiru

inoperattivi fi kwalunkwe mument matul ir-rotta jew ir-rotot ta' diverżjoni ppjanati; jew

(ii) 30 minuta b'veloċità ta' titjir għall-ajruplani kollha;

jew

(2) jibqa' fi ħdan distanza mhux ikbar minn dik li tikkorrispondi għal 90 minuta b'veloċità ta' titjir minn żona xierqa biex isir inżul ta' emerġenza, għal ajruplani ċċertifikati skont l-istandard ta' ajrunavigabbiltà applikabbli.

SPO.IDE.A.205 Tagħmir protettiv individwali

Kull persuna abbord għandha tilbes tagħmir protettiv individwali għat-tip ta' operazzjoni li tkun qiegħda ssir.

SPO.IDE.A.210 Kuffji tal-widna

(a) L-ajruplani għandhom ikunu mgħammra b'kuffji tal-widna b'mikrofonu li jirbomba jew ekwivalenti għal kull membru tal-ekwipaġġ tat-titjira fl-istazzjon assenjat lilhom fil-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira.

(b) L-ajruplani operati skont l-IFR jew bil-lejl għandhom ikunu mgħammra b'buttuna ta' trasmissjoni fuq is-sistema tal-kontrolli tal-pitch u r-roll, għal kull membru tal-ekwipaġġ tat-titjira meħtieġ.

SPO.IDE.A.215 Tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju

(a) L-ajruplani operati skont l-IFR bil-lejl, jew meta dan ikun meħtieġ mir-rekwiżiti tal-ispazju tal-ajru applikabbli, għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju li, f'kundizzjonijiet ta' propagazzjoni normali tar-radju, għandu jkun kapaċi:

(1) jgħaddi komunikazzjoni bidirezzjonali għall-finijiet ta' kontroll tal-ajrudrom;

(2) jirċievi tagħrif meteoroloġiku fi kwalunkwe ħin matul it-titjira;

(3) jgħaddi komunikazzjoni bidirezzjonali fi kwalunkwe ħin matul it-titjira ma' dawg l-istazzjonijiet ajrunawtiċi u fuq dawg il-frekwenzi preskritti mill-awtorità xierqa; u

(4) jipprovdri għal komunikazzjoni fuq il-frekwenza ta' emerġenza ajrunawtika 121.5 MHz.

(b) Meta jkunu meħtieġa iktar minn unità waħda ta' tagħmir għall-komunikazzjoni, kull waħda għandha tkun indipendenti mill-oħra jew l-oħrajn sal-punt li ħsara fi kwalunkwe waħda ma twassalx għal ħsara f'oħra.

SPO.IDE.A.220 Tagħmir għan-navigazzjoni

(a) L-ajruplani għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir ta' navigazzjoni li sejjer jippermettilhom jipproċedu skont:

(1) il-pjan tat-titjira tal-ATS, jekk applikabbli; u

(2) ir-rekwiżiti applikabbli tal-ispazju tal-ajru.

- (b) L-ajruplani għandu jkollhom tagħmir ta' navigazzjoni suffiċjenti biex jiżguraw li, fil-każ ta' ħsara f'oġġett wieħed mit-tagħmir fi kwalunkwe stadju tat-titjira, it-tagħmir li jifdal għandu jippermetti navigazzjoni sikura skont (a), jew azzjoni ta' kontinġenza xierqa li trid titwettaq b'mod sikur.
- (c) L-ajruplani operati fuq titjiriet li fihom hemm pjan li jsir inżul f'IMC għandhom ikunu mġhamra b'tagħmir xieraq li kapaċi jipprovdi gwida lejn punt li minnu jista' jitwettaq inżul viżwali. Dan it-tagħmir għandu jkun kapaċi jipprovdi din il-gwida għal kull ajrudrom li fih hemm il-pjan ta' nżul f'IMC u għal kwalunkwe ajrudromi alternattivi magħżula.

SPO.IDE.A.225 Transponder

Meta jkun hemm bżonnu mill-ispazju tal-ajru li fih issir it-titjira, l-ajruplani għandhom ikunu mġhamra b'transponder għar-radar sekondarju ta' sorveljanza (SSR - Secondary Surveillance Radar) bil-funzjonalitajiet meħtieġa kollha.

Sezzjoni 2 — Helicopters

SPO.IDE.H.100 Strumenti u tagħmir — ġenerali

- (a) L-istrumenti u t-tagħmir meħtieġa minn din is-Subparti għandhom ikunu approvati skont ir-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà applikabbli jekk huma:
- (1) użati mill-ekwipaġġ tat-titjira biex jikkontrolla l-mogħdija tat-titjira, biex ikun hemm konformità ma' SPO.IDE.A.215 u SPO.IDE.A.220; jew
 - (3) installati fil-ħelikopter.
- (b) L-oġġetti li ġejjin, meta jkunu meħtieġa minn din is-Subparti, ma jeħtiġux approvazzjoni tat-tagħmir:
- (3) id-dawl awtonomu li jinġarr,
 - (2) l-istrument ta' ħin preċiż,
 - (3) il-ħowlder taċ-ċarts,
 - (4) il-kitt tal-ewwel għajnuna,
 - (5) it-tagħmir tas-salvataġġ u tas-sinjali, u
 - (6) l-ankra u t-tagħmir tal-baħar għall-irmiġġ.
- (c) L-istrumenti u t-tagħmir li mhumiex meħtieġa minn din is-Subparti kif ukoll kwalunkwe tagħmir ieħor li mhuwiex meħtieġ minn Annessi applikabbli oħrajn, iżda li jinġarru fuq titjira, għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej:
- (1) it-tagħrif ipprovdut minn dawn l-istrumenti, tagħmir jew aċċessorji ma għandux jintuża mill-ekwipaġġ tat-titjira biex ikun hemm konformità mal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 216/2008 jew SPO.IDE.H.215 u SPO.IDE.A.220; u
 - (2) l-istrumenti u t-tagħmir ma għandhomx jaffettwaw l-ajrunavigabbiltà tal-ħelikopter, lanqas fil-każ ta' ħsarat jew malfunzjoni.
- (d) L-istrumenti u t-tagħmir għandhom ikunu lesti għall-użu jew aċċessibbli mill-istazzjon fejn ikun bilqiegħda l-membru tal-ekwipaġġ tat-titjira li jeħtieġ jużahom.
- (e) Dawk l-istrumenti li jintużaw minn membru tal-ekwipaġġ ta' titjira għandhom ikunu mqiegħda b'tali mod li jippermetti lill-membru tal-ekwipaġġ tat-titjira jara l-indikazzjonijiet mill-ewwel mill-istazzjon tiegħu, bid-devjazzjoni prattikabbli minima mill-pożizzjoni u linja viżiva li normalment jassumi meta jħares 'il quddiem tul il-mogħdija tat-titjira.
- (f) It-tagħmir ta' emerġenza kollu meħtieġ għandu jkun faċilment aċċessibbli għal użu minnufih.

SPO.IDE.H.105 Tagħmir minimu għat-titjira

Titjira ma għandhiex tinbeda meta kwalunkwe wieħed mill-istrumenti, oġġetti tat-tagħmir jew funzjonijiet tal-ħelikopter meħtieġa għat-titjira ppjanata jkunu inoperattivi jew neqsin, sakemm:

- (a) il-ħelikopter ma jitħaddimx skont il-lista ta' tagħmir minimu (MEL), jekk tkun stabbilita;
- (b) l-operatur ma jkunx approvat mill-awtorità kompetenti sabiex jopera l-ħelikopter fi ħdan il-limiti tal-lista definittiva ta' tagħmir minimu (MMEL), għal ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur u għal kwalunkwe ħelikopter użat f'operazzjonijiet kummerċjali; jew
- (ċ) il-ħelikopter ma jkunx soġġett għal permess biex itir maħruġ skont ir-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà applikabbli.

SPO.IDE.H.115 Dwal operattivi

Il-ħelikopters imħaddma bil-lejl għandhom ikunu mgħammra b':

- (a) sistema ta' dawl ta' kontra l-ħabtiet;
- (b) dwal ta' navigazzjoni/pożizzjoni;
- (ċ) dwal ta' nżul;
- (d) dawl fornit mis-sistema elettrika tal-ħelikopter biex tiġi pprovduta illuminazzjoni adegwata għall-istrumenti u t-tagħmir kollha meħtieġa għall-operazzjoni sikura tal-ħelikopter;
- (e) id-dawl fornit mis-sistema elettrika tal-ħelikopter biex jipprovdi illuminazzjoni fil-kompartimenti tal-kabina kollha;
- (f) dawl awtonomu li jinġarr għal kull stazzjon tal-membri tal-ekwipaġġ; u
- (g) dwal biex ikun hemm konformità mar-Regolamenti Internazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Ħbit fuq il-Baħar jekk il-ħelikopter jihaddem bħala amfibju.

SPO.IDE.H.120 Operazzjonijiet skont il-VFR — strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni u tagħmir assoċjat

- (a) Il-ħelikopters imħaddma skont il-VFR matul il-jum għandhom ikunu mgħammra b'mezzi ta' tkejjil u wiri ta' dan li ġej:
 - (1) il-pruwa manjetika,
 - (2) il-ħin f'siġhat, minuti u sekondi,
 - (3) l-altitudni tal-perssoni,
 - (4) il-veloċità tal-ajru indikata, u
 - (5) iż-żelqa.
- (b) Minbarra (a), il-ħelikopters operati skont il-VMC fuq il-baħar u lil hinn mill-kosta, skont il-VMC bil-lejl, jew meta l-viżibilità tkun inqas minn 1 500 m, jew f'kundizzjonijiet li fihom il-ħelikopter ma jistax jinżamm f'moġħdija tat-titjira mixtieqa mingħajr referenza għal strument addizzjonali wieħed jew iktar, għandhom ikunu mgħammra b':
 - (1) mezz li jkejjel u juri:
 - (i) l-attitudni,

- (ii) il-veloċità vertikali, u
- (iii) il-pruwa stabbilizzata;
- (2) mezz li jindika meta l-provvista tal-enerġija għall-istrumenti ġiroskopiċi ma tkunx adegwata; u
- (3) għal elikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur, mezz li jipprevjeni ħsara tas-sistema li tindika l-veloċità tal-ajra meħtieġa f'(a)(4) minħabba kondensazzjoni jew formazzjoni ta' silġ.
- (c) Ħelikopters li mhumiex ajruplani kumplessi li jaħdmu bil-mutur operati meta l-viżibilità tkun inqas minn 1 500 m, jew f'kundizzjonijiet fejn ma jistgħux jinżammu f'mogħdija tat-titjira mixtieqa mingħajr referenza għal strument addizzjonali wieħed jew iktar, għandhom ikunu, minbarra (a) u (b), mgħammra b'mezz ta' prevenzjoni ta' malfunzjoni tas-sistema li tindika l-veloċità tal-arja meħtieġa f'(a)(4) minħabba kondensazzjoni jew formazzjoni ta' silġ.
- (d) Kull meta jkunu meħtieġa żewġ bdoti għall-operazzjoni, il-ħelikopters għandhom jiġu mgħammra b'mezz separat li juri dan li ġej:
 - (1) l-altitudni tal-pressjoni,
 - (2) il-veloċità tal-ajru indikata,
 - (3) iż-żelqa,
 - (4) l-attitudni, jekk applikabbli,
 - (5) il-veloċità vertikali, jekk applikabbli, u
 - (6) il-pruwa stabbilizzata, jekk applikabbli.

SPO.IDE.H.125 Operazzjonijiet skont l-IFR — strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni u tagħmir assoċjat

Il-ħelikopters imħaddma skont l-IFR għandhom ikunu mgħammra b':

- (a) mezz li jkejjel u juri:
 - (1) il-pruwa manjetika,
 - (2) il-ħin f'sigħat, minuti u sekondi,
 - (3) l-altitudni tal-pressjoni,
 - (4) il-veloċità tal-ajru indikata,
 - (5) il-veloċità vertikali,
 - (6) iż-żelqa,
 - (7) l-attitudni,
 - (8) il-pruwa stabbilizzata, u
 - (9) it-temperatura tal-arja fuq barra;
- (b) mezz li jindika meta l-provvista tal-enerġija għall-istrumenti ġiroskopiċi ma tkunx adegwata;

- (c) kull meta jkunu meħtieġa żewġ bdoti għall-operazzjoni, mezz separat addizzjonali ta' wiri:
 - (1) l-altitudni tal-pressjoni,
 - (2) il-veloċità tal-ajru indikata,
 - (3) il-veloċità vertikali,
 - (4) iż-żelqa,
 - (5) -attitudni, u
 - (6) il-pruwa stabbilizzata;
- (d) mezz li jipprevjeni malfunzjoni tas-sistema li tindika l-veloċità tal-ajra meħtieġa f'(a)(4) u (c)(2) minħabba kondensazzjoni jew formazzjoni ta' silġ;
- (e) mezz addizzjonali li jkejjel u juri l-attitudni bħala strument ta' riżerva; u
- (f) dan li ġej għal ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur:
 - (1) sors alternattiv ta' pressjoni statika; u
 - (2) ħolwder tal-karti fpożizzjoni faċilment leġibbli li jista' jiġi illuminat għal operazzjonijiet bil-lejl.

SPO.IDE.H.126 Tagħmir addizzjonali għal operazzjoni bi bdot wieħed skont l-IFR

Il-ħelikopters operati skont l-IFR bi bdot wieħed għandhom ikunu mgħammra b'awtobdot li tal-inqas jista' jżomm l-altitudni u r-rotta.

SPO.IDE.H.132 Tagħmir abbord għall-identifikazzjoni tat-temp — ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur

Il-ħelikopters operati skont l-IFR jew bil-lejl għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir abbord għall-identifikazzjoni tat-temp meta r-rapporti tat-temp attwali jindikaw li tul ir-rotta li tkun se tiġi segwita tista' tkun mistennija l-eżistenza ta' maltempati jew kundizzjonijiet tat-temp oħrajn potenzjalment perikolużi, li huma meqjusa bħala identifikabbli b'tagħmir abbord għall-identifikazzjoni tat-temp.

SPO.IDE.H.133 Tagħmir addizzjonali għal operazzjonijiet f'kundizzjonijiet ta' formazzjoni tas-silġ bil-lejl — ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur

- (a) Il-ħelikopters operati f'kundizzjonijiet ta' silġ mistennija jew attwali bil-lejl għandhom ikunu mgħammra b'mezzi li jilluminaw jew jidentifikaw formazzjoni ta' silġ.
- (b) Il-mezzi li jilluminaw il-formazzjoni ta' silġ ma għandhomx jikkaġunaw dija jew riflessjoni li tista' tfixxkel lill-membri tal-ekwipaġġ meta daww ikunu qed jaqdu dmirijethom.

SPO.IDE.H.135 Sistema ta' telefonija interna għall-ekwipaġġ tat-titjira

Il-ħelikopters operati minn aktar minn membru wieħed tal-ekwipaġġ tat-titjira għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' telefonija interna għall-ekwipaġġ tat-titjira, li tinkludi kuffji tal-widna u mikrofonu għall-użu mill-membri kollha tal-ekwipaġġ tat-titjira.

SPO.IDE.H.140 Reġistratur tal-vuċi fil-kokpit

- (a) Il-ħelikopters b'MCTOM ta' aktar minn 7,000 kg u li nħarġilhom l-ewwel CofA indiviwali fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara għandhom ikunu mħammra b'CVR.
- (b) Is-CVR għandu jkun kapači jzomm dejta rreġistrata matul tal-inqas is-sagħtejn preċedenti.
- (ċ) Is-CVR għandu jirreġistra b'referenza għal skala tal-ħin:
 - (1) il-komunikazzjonijiet bil-vuċi trasmessi minn jew riċevuti mill-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira bir-radju;
 - (2) komunikazzjonijiet bil-vuċi mill-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira li jużaw is-sistema ta' telefonija interna u s-sistema ta' indirizz pubbliku, jekk dawn ikunu installati;
 - (3) l-ambjent tas-smiġħ tal-kokpit, inklużi, mingħajr interruzzjoni, is-sinjali tal-awdjoo riċevuti minn kull mikrofonu tal-ekwipaġġ; u
 - (4) is-sinjali tal-vuċi jew tal-awdjoo li jidentifikaw l-għajnuniet ta' navigazzjoni jew avvċinament introdotti f'kuffji tal-widna jew lawdspiker.
- (d) Is-CVR għandu jibda b'mod awtomatiku biex jirreġistra qabel ma l-ħelikopter jibda jitmexxa bl-enerġija proprja tiegħu u għandu jibqa' jirreġistra sa tmiem it-titjira meta l-ħelikopter ma jibqax kapaċi jitmexxa bl-enerġija proprja tiegħu.
- (e) Minbarra (d), skont id-disponibilità tal-enerġija elettrika, is-CVR għandu jibda jirreġistra malajr kemm jista' jkun matul il-verifiki tal-kokpit qabel ma tinxtegħel il-magna fil-bidu tat-titjira sakemm il-verifiki tal-kokpit ta' eżatt wara li tintefa' l-magna fi tmiem it-titjira.
- (f) Is-CVR għandu jkollu strument li jassisti fil-lokalizzazzjoni tiegħu fl-ilma.

SPO.IDE.H.145 Reġistratur tad-dejta tat-titjira

- (a) Il-ħelikopters b'MCTOM ta' iktar minn 3 175 kg u li nħarġilhom l-ewwel CofA tagħhom fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara għandhom ikunu mħammra b'FDR li juża metodu diġitali ta' reġistrazzjoni u ħżin ta' dejta li għalihom ikun hemm għad-dispożizzjoni metodu li minnufih isib id-dejta mill-istrument ta' ħżin.
- (b) L-FDR għandu jirreġistra l-parametri meħtieġa biex jiġu determinati bi preċiżjoni l-moġħdija tat-titjira, il-veloċità, l-attitudni, l-enerġija tal-magna, il-konfigurazzjoni u l-operazzjoni tal-ħelikopter u jkun jiflaħ iżomm dejta rreġistrata matul tal-inqas 1-10 sigħat preċedenti.
- (ċ) Id-dejta għandha tinkiseb mis-sorsi tal-ħelikopter li jippermettu korrelazzjoni preċiża mat-tagħrif muri lill-ekwipaġġ tal-ajru.
- (d) L-FDR għandu jibda b'mod awtomatiku biex jirreġistra d-dejta qabel ma l-ħelikopter ikun jista' jibda jitmexxa bl-enerġija proprja tiegħu u għandu jieqaf b'mod awtomatiku wara li l-ħelikopter ma jibqax kapaċi jitmexxa bl-enerġija proprja tiegħu.
- (e) L-FDR għandu jkollu strument li jassisti fil-lokalizzazzjoni tiegħu fl-ilma.

SPO.IDE.H.150 Reġistrazzjoni li tikkollega d-dejta

- (a) Il-ħelikopters li jkun inħarigilhom l-ewwel CofA individwali fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara li jkollhom il-kapaċità li joperaw komunikazzjonijiet ta' kollegament ta' dejta u meħtieġa jkunu mgħammra b'CVR għandhom jirreġistraw fuq reġistratur, fejn applikabbli:
- (1) il-messaġġi tal-komunikazzjonijiet ta' kollegament tad-dejta relatati mal-komunikazzjonijiet tal-ATS lejn u mill-ħelikopter, inklużi messaġġi li japplikaw għall-applikazzjonijiet li ġejjin:
 - (i) bidu ta' kollegament ta' dejta;
 - (ii) komunikazzjoni bejn il-kontrollur u l-bdot;
 - (iii) sorveljanza indirizzata;
 - (iv) tagħrif dwar it-titjira;
 - (v) sa fejn ikun prattikabbli, minħabba l-arkitettura tas-sistema, is-sorveljanza tax-xandir tal-inġenju tal-ajru;
 - (vi) sa fejn ikun prattikabbli, minħabba l-arkitettura tas-sistema, id-dejta tal-kontroll operattiv tal-inġenju tal-ajru; u
 - (vii) sa fejn ikun prattikabbli, minħabba l-arkitettura tas-sistema, il-grafika;
 - (2) it-tagħrif li jippermetti l-korrelazzjoni ma' kwalunkwe reġistrazzjonijiet assoċjati relatati mal-komunikazzjonijiet ta' kollegament tad-dejta u maħżuna b'mod separat mill-ħelikopter; u
 - (3) tagħrif dwar il-ħin u l-prijorità tal-messaġġi ta' komunikazzjonijiet ta' kollegament tad-dejta, filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-arkitettura tas-sistema.
- (b) Ir-reġistratur għandu juża metodu diġitali ta' reġistrazzjoni u ħżin ta' dejta u tagħrif u metodu għas-sejbien minnufih ta' dik id-dejta. Il-metodu ta' reġistrazzjoni għandu jippermetti sabiex id-dejta taqbel mad-dejta rreġistrata fuq l-art.
- (c) Ir-reġistratur għandu jkun jiflaħ iżomm dejta rreġistrata għal tal-inqas l-istess demwien kif stipulat għas-CVRs f'SPO.IDE.H.140.
- (d) Ir-reġistratur għandu jkollu strument li jassisti fil-lokalizzazzjoni tiegħu fl-ilma.
- (e) Ir-reqwiziti applikabbli għal-loġika tal-bidu u l-waqfien tar-reġistratur huma l-istess bħar-reqwiziti applikabbli għal-loġika tal-bidu u l-waqfien tas-CVR li jinstabu f'SPO.IDE.H.140 (d) u (e).

SPO.IDE.H.155 Registrator ikkombinat tad-dejta tat-titjira u tal-vuċi fil-kokpit

Konformità mar-reqwiziti tas-CVR u l-FDR tista' tinkiseb b'reġistratur wieħed ikkombinat tad-dejta tat-titjira u tal-vuċi fil-kokpit

SPO.IDE.H.160 Sedili, ċinturini tas-sigurtà tas-sedili u sistemi ta' rbit

- (a) Il-ħelikopters għandhom ikunu mgħammra b':
- (1) sedil jew stazzjon għal kull membru tal-ekwipaġġ jew speċjalist tal-kompitu abbord;

- (2) ċinturin tas-sigurtà fuq kull sedil, u strumenti ta' rbit għal kull stazzjon;
 - (3) għall-ħelikopters li nħarġilhom l-ewwel CofA individwali wara l-31 ta' Lulju 1999, ċinturin tas-sigurtà b'sistema ta' trażżin mis-sider għal kull sedil; u
 - (4) ċinturin tas-sigurtà b'sistema ta' trażżin mis-sider li tinkorpora strument li b'mod awtomatiku jrażżan sider l-okkupant fil-każ ta' deċelerazzoni rapida fuq kull sedil tal-ekwipaġġ tat-titjira.
- (b) Ċinturin tas-sigurtà b'sistema ta' trażżin mis-sider għandu jkollu punt uniku ta' rilaxx.

SPO.IDE.H.165 Kitt tal-ewwel għajnuna

- (a) Il-ħelikopters għandhom ikunu mgħammra b'kitt tal-ewwel għajnuna.
- (b) Il-kitt tal-ewwel għajnuna għandha tkun:
 - (1) aċċessibbli minnufih għall-użu; u
 - (2) miżmuma aġġornata.

SPO.IDE.H.175 Ossiġnu supplimentali — elikopters mhux ippressati

- (a) Il-ħelikopters mhux ippressati operati f'altitudnijiet tat-titjir meta tkun meħtieġa l-provvista tal-ossiġnu skont (b) għandhom ikunu mgħammra b'apparat ta' ħżin u tqassim ta' ossiġnu li kapaċi jaħżen u jqassam il-provvisti tal-ossiġnu meħtieġa.
- (b) Il-ħelikopters mhux ippressati operati f'livelli oġhla ta' altitudnijiet tat-titjir li fihom l-altitudni tal-pressjoni fil-kompartimenti tal-kabina tkun oġhla minn 10 000 ft għandhom iġorru biżżejjed ossiġnu għan-nifs biex jaqdi:
 - (1) lill-membri kollha tal-ekwipaġġ għal kwalunkwe perjodu li jaqbeż it-30 minuta meta l-altitudni tal-pressjoni fil-kompartiment tal-kabina sejra tkun bejn 10 000 ft u 13 000 ft; u
 - (2) lil kull membru tal-ekwipaġġ u speċjalist tal-kompitu għal kwalunkwe perjodu li matulu, l-altitudni tal-pressjoni fil-kompartiment tal-kabina sejra tkun ta' iktar minn 13 000 ft.
- (c) Minkejja (b), l-eskursjonijiet ta' dewmien speċifikat bejn 13 000 ft u 16 000 ft jistgħu jitwettqu mingħajr provvisti tal-ossiġenu, skont SPO.OP.195(b).

SPO.IDE.H.180 Pompi tal-idejn għat-tifi tan-nar


- (a) Il-ħelikopters għandhom ikunu mgħammra b'tal-inqas pompa waħda tal-idejn għat-tifi tan-nar:
 - (1) fil-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira; u
 - (2) f'kull kompartiment tal-kabina li huwa separat mill-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira, ħlief jekk il-kompartiment ikun aċċessibbli mill-ewwel għall-ekwipaġġ tat-titjira.
- (b) It-tip u l-kwantità ta' aġent għat-tifi tan-nar għall-pompi għat-tifi tan-nar meħtieġa għandhom ikunu xierqa għat-tip ta' nar li aktarx li jista' jseħħ fil-kompartiment fejn

ikun maħsub l-użu tal-pompa u sabiex jimminimizza l-konċentrazzjoni ta' gass tossiku f'kompartmenti okkupati minn nies.

SPO.IDE.H.185 Immarkar ta' postijiet fejn jista' jkun hemm dħul

Jekk ikunu mmarkati żoni tal-qafas tal-ħelikopter adattati għad-dħul minn ekwipaġġi ta' salvataġġ f'emerġenza, it-tali żoni jridu jkunu mmarkati kif muri fil-Figura 1.

Figura 1: Immarkar ta' postijiet fejn jista' jkun hemm dħul



SPO.IDE.H.190 Transmitter li jillocalizza l-emerġenzi (ELT)

- (a) Il-ħelikopters iċċertifikati għal konfigurazzjoni massima ta' postijiet bil-qiegħda ta' iktar minn sitta għandhom ikunu mgħammra b':
 - (1) ELT awtomatiku; u
 - (2) ELT wieħed ta' salvataġġ (ELT(S)) f'ċattra ta' salvataġġ jew ġakketta ta' salvataġġ meta l-ħelikopter ikun operat f'distanza mill-art li tikkorrispondi għal iktar minn 3 minuti ta' ħin ta' titjir f'veloċità ta' titjir normali.
- (b) Il-ħelikopters iċċertifikati għal konfigurazzjoni massima ta' postijiet bil-qiegħda ta' sitta jew inqas għandhom ikunu mgħammra b'ELT(S) jew 'beacon' lokalizzatur personali (PLB), li jinġarr minn membru tal-ekwipaġġ jew speċjalist tal-komputu.
- (ċ) ELTs ta' kwalunkwe tip u PLBs għandhom ikunu kapaċi jittrasmettu b'mod simultanju fuq 121.5 MHz u 406 MHz.

SPO.IDE.H.195 Titjir fuq l-ilma — ħelikopters li mhumiex ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur

- (a) Il-ħelikopters għandhom ikunu mgħammra b'ġakketta tas-salvataġġ għal kull persuna abbord, li għandha tintlibes jew tiġi stivata f'pożizzjoni li fiha tkun immedjament aċċessibbli mis-sedil jew mill-istazzjon tal-persuna li għandha tagħmel użu minnha, meta:
 - (1) issir titjira fuq l-ilma lil hinn minn distanza awtorotazzjonali mill-art meta fil-każ ta' ħsara kritika fil-magna, il-ħelikopter ma jkunx kapaċi jkompli b'titjira fil-livell; jew

- (2) issir titjira fuq l-ilma f'distanza mill-art li tikkorrispondi għal iktar minn 10 minuti ta' titjir b'veloċità ta' titjir normali, meta fil-każ ta' ħsara kritika fil-magna, il-ħelikopter ikun kapaċi jkompli b'titjira fil-livell; jew
 - (3) isir tluġh jew inżul f'ajrudrom/sit operattiv fejn il-mogħdija ta' tluġh jew avvċinament tkun fuq l-ilma.
- (b) Kull ġakketta ta' salvataġġ għandha tkun mġhammra b'mezz ta' illuminazzjoni elettriċa sabiex tiġi faċilitata l-lokalizzazzjoni tal-persuni.
- (c) Il-bdot fil-kmand ta' ħelikopter operat f'titjira fuq l-ilma f'distanza mill-art li tikkorrispondi għal iktar minn 30 minuta ta' titjir b'veloċità ta' titjir normali jew 50 NM, skont liema jkun l-inqas wieħed, għandu jiddetermina r-riskji għas-sopravvivenza tal-okkupanti tal-ħelikopter fil-każ ta' nżul ta' emerġenza, li fuq il-bażi tagħhom għandu jiddetermina l-ġarr ta':
- (1) tagħmir biex isiru sinjali ta' distress;
 - (2) biżżejjed ċattriet ta' salvataġġ biex iġorru l-persuni kollha abbord, stivati sabiex jiġi faċilitat l-użu minnufih tagħhom f'emerġenza; u
 - (3) tagħmir li jsalva l-ħajja biex jipprovdi l-mezz għas-salvataġġ tal-ħajja, kif ikun xieraq għat-titjira li sejra titwettag.
- (d) Il-bdot fil-kmand għandu jiddetermina r-riskji għas-sopravvivenza tal-okkupanti tal-ħelikopter fil-każ ta' nżul ta' emerġenza, meta jiddeċiedi jekk il-ġkieket ta' salvataġġ f'(a) għandhomx jintlibsu mill-okkupanti kollha.

SPO.IDE.H.197 Ġkieket ta' salvataġġ — ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur

- (a) Il-ħelikopters għandhom ikunu mġhammra b'ġakketta tas-salvataġġ għal kull persuna abbord, li għandha tintlibes jew tiġi stivata f'pożizzjoni li fiha tkun immedjament aċċessibbli mis-sedil jew mill-istazzjon tal-persuna li għandha tagħmel użu minnha, meta:
- (1) ikunu operati f'titjira fuq l-ilma f'distanza mill-art li tikkorrispondi għal iktar minn 10 minuti ta' titjir b'veloċità ta' titjir normali, meta fil-każ ta' ħsara kritika fil-magna, il-ħelikopter ikun kapaċi jkompli b'titjira fil-livell; jew
 - (2) ikunu operati f'titjira fuq l-ilma lil hinn minn distanza awtorotazzjonali mill-art, meta fil-każ ta' ħsara kritika fil-magna, il-ħelikopter ma jkunx kapaċi jkompli b'titjira fil-livell; jew
 - (3) it-tluġh jew l-inżul f'ajrudrom jew sit operattiv fejn, fil-fehma tal-bdot fil-kmand, il-mogħdija ta' tluġh jew avvċinament tant tkun lil hinn fuq l-ilma li fil-każ ta' problema jkun hemm il-probabilità ta' nżul ta' emerġenza;
- (b) Kull ġakketta ta' salvataġġ għandha tkun mġhammra b'mezz ta' illuminazzjoni elettriċa sabiex tiġi faċilitata l-lokalizzazzjoni tal-persuni.

SPO.IDE.H.198 Ilbies ta' salvataġġ — ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur

Kull persuna abbord għandha tilbes ilbies ta' salvataġġ meta topera:

- (a) fuq titjira fuq l-ilma b'appoġġ ta' operazzjonijiet lil hinn mill-kosta, f'distanza mill-art li tikkorrispondi għal iktar minn 10 minuti ta' titjir b'veloċità ta' titjir normali, meta fil-każ ta' ħsara kritika fil-magna, il-ħelikopter ikun kapaċi jkompli b'titjira fil-livell u meta:
 - (1) ir-rapport jew it-tbassir tat-temp għad-dispożizzjoni tal-bdot fil-kmand jindika li t-temperatura tal-baħar sejra tkun inqas minn 10 °C matul it-titjira; jew
 - (2) il-ħin ta' salvataġġ smat ikun jaqbeż il-ħin smat ta' sopravvivenza; jew
- (b) ikun determinat hekk mill-bdot fil-kmand fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskji li tiegħu f'kunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (1) titjiriet fuq l-ilma lil hinn minn distanza awtorotazzjonali mill-art jew distanza sikura ta' nżul sfurzat mill-art, meta fil-każ ta' ħsara kritika fil-magna, il-ħelikopter ma jkunx kapaċi jkompli b'titjira fil-livell; u
 - (2) ir-rapport jew it-tbassir tat-temp għad-dispożizzjoni tal-bdot fil-kmand jindika li t-temperatura tal-baħar sejra tkun inqas minn 10 °C matul it-titjira.

SPO.IDE.H.199 Ċattriet ta' salvataġġ, ELTs ta' salvataġġ u tagħmir ta' salvataġġ fuq titjiriet estiżi fuq l-ilma — ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur

Ħelikopters operati:

- (a) f'titjira fuq l-ilma f'distanza mill-art li tikkorrispondi għal iktar minn 10 minuti ta' titjir b'veloċità ta' titjir normali meta fil-każ ta' ħsara kritika fil-magna, il-ħelikopter ikun kapaċi jkompli b'titjira fil-livell; jew
- (b) f'titjira fuq l-ilma f'distanza mill-art li tikkorrispondi għal iktar minn 3 minuti ta' titjir b'veloċità ta' titjir normali, meta fil-każ ta' ħsara kritika fil-magna, il-ħelikopter ma jkunx kapaċi jkompli b'titjira fil-livell, u jekk il-bdot fil-kmand jiddetermina hekk permezz ta' valutazzjoni tar-riskji, għandhom jiġu mgħammra b':
 - (1) tal-inqas ċattra waħda ta' salvataġġ b'kapaċità kklassifikata ta' mhux inqas min-numru massimu ta' persuni abbord, stivata b'tali mod li jiġi faċilitat l-użu minnufih tagħha f'emerġenza;
 - (2) tal-inqas ELT wieħed ta' salvataġġ (ELT(S)) għal kull ċattra ta' salvataġġ meħtieġa; u
 - (3) tagħmir li jsalva l-ħajja, inkluż mezz għas-salvataġġ tal-ħajja, kif ikun xieraq għat-titjira li sejra titwettaq.

SPO.IDE.H.200 Tagħmir ta' sopravvivenza

Il-ħelikopters operati fuq żoni li fihom it-tiftix u s-salvataġġ ikunu partikolarment diffiċli għandhom ikunu mgħammra b':

- (a) tagħmir għas-senjalar biex isiru sinjali ta' distress;
- (b) tal-inqas ELT wieħed ta' salvataġġ (ELT(S)); u
- (c) tagħmir addizzjonali għas-salvataġġ għar-rotta li għandha tittajjar filwaqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni n-numru ta' persuni abbord.

SPO.IDE.H.201 Rekwiżiti addizzjonali għall-ħelikopters li jwettqu operazzjonijiet 'il barra mix-xtut f'żona ta' baħar ostili — ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur

Il-ħelikopters operati f'operazzjonijiet 'il barra mix-xtut f'żona ta' baħar ostili, f'distanza mill-art li tikkorrispondi għal iktar minn 10 minuti titjir b'veloċità ta' titjir normali, għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej:

- (a) Meta r-rapport jew it-tbassir tat-temp għad-dispożizzjoni tal-bdot jindikaw li t-temperatura tal-baħar sejra tkun inqas minn 10 °C matul it-titjira, jew meta l-ħin smat ta' salvataġġ ikun jaqbeż il-ħin ta' sopravvivenza kkalkolat, jew it-titjira tkun ippjanata sabiex titwettaq matul il-lejl, kull membru tal-ekwipaġġ u speċjalist tal-kompiti abbord ikun liebes libsa ta' salvataġġ.
- (b) Sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti ta' nżul ta' emerġenza għal ċertifikazzjoni, iċ-ċattriet kollha ta' salvataġġ skont SPO.IDE.H.199 għandhom ikunu installati b'tali mod li jistgħu jintużaw fil-kundizzjonijiet tal-baħar li fihom ġew evalwati l-karatteristiċi ta' nżul ta' emerġenza, ta' tagħwin u ta' trim tal-ħelikopter.
- (c) Il-ħelikopter għandu jkun mġhammar b'sistema ta' dwal ta' emerġenza bi provvista tal-enerġija indipendenti biex jiġi pprovdut sors ta' illuminazzjoni ġenerali tal-kabina bil-għan li tiġi faċilitata l-evakwazzjoni tal-ħelikopter.
- (d) Il-ħarġiet kollha ta' emerġenza, inklużi l-ħarġiet ta' emerġenza tal-ekwipaġġ, u l-mezzi biex jinfetħu għandhom jiġu mmarkati b'mod evidenti biex jiggwidaw lill-okkupanti fl-użu tal-ħarġiet fid-dawl tal-jum jew bil-lejl. Dawn il-marki għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jibqgħu viżibbli jekk il-ħelikopter jinqaleb u l-kabina tkun mġharrqa.
- (e) Il-bibien kollha li ma jistgħux jinqalgħu li huma ddisinjati bħala ħarġiet ta' emerġenza għandu jkollhom mezz biex jinżammu f'pożizzjoni miftuħa sabiex ma jxekkklux il-ħruġ tal-okkupanti fil-kundizzjonijiet kollha tal-baħar sal-massimu meħtieġ li jrid jiġi evalwat għall-inżul ta' emerġenza u t-tagħwin.
- (f) Il-bibien, it-twieqi jew il-fetħiet kollha l-oħra fil-kompartiment tal-kabina maħsuba sabiex jintużaw għall-finijiet ta' ħruġ taħt l-ilma għandhom ikunu mġhammra b'tali mod li jkunu operabbli f'emerġenza.
- (g) Il-ġkieket ta' salvataġġ għandhom jintlibsu l-ħin kollu, sakemm l-ispeċjalist tal-kompitu jew il-membru tal-ekwipaġġ li għalih tkun ipprovduta l-ġakketta ta' salvataġġ ma jkunx liebes libsa ta' salvataġġ integrata li tilħaq ir-rekwiżit ikkombinat tal-libsa ta' salvataġġ u tal-ġakketta ta' salvataġġ.

SPO.IDE.H.202 Helicopters iċċertifikati biex joperaw fuq l-ilma — tagħmir varju

Il-ħelikopters iċċertifikati biex joperaw fuq l-ilma għandhom ikunu mġhammra b':

- (a) ankra tal-baħar u tagħmir ieħor biex jiġi faċilitat l-irbit, l-ankrar jew l-immanuvrar tal-ħelikopter fuq l-ilma, adattati għad-daqs, il-piż u l-karatteristiċi ta' kontroll tiegħu; u
- (b) tagħmir biex isiru s-sinjali bil-ħoss kif preskritt fir-Regolamenti Internazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Ħbit fuq il-Baħar, fejn applikabbli.

SPO.IDE.H.203 Il-ħelikopters kollha f'titjiriet fuq l-ilma — inżul ta' emerġenza

Ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur operati f'titjira fuq l-ilma f'ambjent ostili f'distanza mill-art li tikkorrispondi għal iktar minn 10 minuti titjir f'veloċità ta' titjir normali u ħelikopters li mhumiex ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur li jtiru fuq l-ilma f'ambjent ostili f'distanza ikbar minn 50 NM mill-art, għandhom ikunu:

- (a) iddisinjati għall-inżul fuq l-ilma skont il-kodiċi tal-ajrunavigabbiltà relevanti;
- (b) iċċertifikati għall-inżul ta' emerġenza skont il-kodiċi tal-ajrunavigabbiltà relevanti;
- (c) mgħammra b'taġħmir ta' taġħwim ta' emerġenza.

SPO.IDE.H.205 Taġħmir protettiv individwali

Kull persuna abbord għandha tilbes taġħmir protettiv individwali li jkun adegwat għat-tip ta' operazzjoni li tkun qiegħda ssir.

SPO.IDE.H.210 Kuffji tal-widna

Kull meta jkun hemm bżonn ta' komunikazzjoni bir-radju u/jew sistema ta' navigazzjoni bir-radju, il-ħelikopters għandhom ikunu mgħammra b'kuffji tal-widna b'mikrofonu li jirbomba jew ekwivalenti u buttuna ta' trasmissjoni fuq il-kontrolli tat-titjira għal kull bdot, membru tal-ekwipaġġ u/jew speċjalist tal-kompitu meħtieġ fl-istazzjon assenjata lilhom.

SPO.IDE.H.215 Taġħmir ta' komunikazzjoni bir-radju

- (a) Il-ħelikopters operati skont l-IFR bil-lejl, jew meta dan ikun meħtieġ mir-rekwiżiti tal-ispazju tal-ajru applikabbli, għandhom ikunu mgħammra b'taġħmir ta' komunikazzjoni bir-radju li, f'kundizzjonijiet ta' propagazzjoni normali tar-radju, għandu jkun kapaċi:
 - (1) jgħaddi komunikazzjoni bidirezzjonali għall-finijiet ta' kontroll tal-ajrudrom;
 - (2) jirċievi taġħrif meteoroloġiku;
 - (3) jgħaddi komunikazzjoni bidirezzjonali fi kwalunkwe ħin matul it-titjira ma' dawk l-istazzjonijiet ajrunawtiċi u fuq dawk il-frekwenzi preskritti mill-awtorità xierqa; u
 - (4) jipprovi għal komunikazzjoni fuq il-frekwenza ta' emerġenza ajrunawtika 121.5 MHz.
- (b) Meta jkunu meħtieġa iktar minn unità waħda ta' taġħmir għall-komunikazzjoni, kull waħda għandha tkun indipendenti mill-oħra jew l-oħrajn sal-punt li ħsara fi kwalunkwe waħda ma twassalx għal ħsara f'oħra.
- (c) Meta jkun hemm bżonn sistema ta' komunikazzjoni bir-radju, u minbarra s-sistema ta' telefonija interna tal-ekwipaġġ tal-ajru meħtieġa f'SPO.IDE.H.135, il-ħelikopters għandhom ikunu mgħammra b'buttuna ta' trasmissjoni fuq il-kontrolli tat-titjir għal kull bdot u membru tal-ekwipaġġ meħtieġ fl-istazzjon assenjata lilhom.

SPO.IDE.H.220 Tagħmir għan-navigazzjoni

- (a) Il-ħelikopters għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir ta' navigazzjoni li jippermettilhom jipproċedu skont:
- (1) il-pjan tat-titjira tal-ATS, jekk applikabbli; u
 - (2) ir-rekwiżiti applikabbli tal-ispazju tal-ajru.
- (b) Il-ħelikopters għandu jkollhom tagħmir ta' navigazzjoni suffiċjenti biex jiżguraw li, fil-każ ta' ħsara f'oġġett wieħed mit-tagħmir fi kwalunkwe stadju tat-titjira, it-tagħmir li jifdal għandu jippermetti navigazzjoni sikura skont (a), jew azzjoni ta' kontinġenza xierqa li trid titwettaq b'mod sikur.
- (c) Il-ħelikopters operati fuq titjiriet li fihom hemm pjan li jsir inżul f'IMC għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir ta' navigazzjoni li kapaċi jipprovdi gwida lejn punt li minnu jista' jitwettaq inżul viżwali. Dan it-tagħmir għandu jkun kapaċi jipprovdi din il-gwida għal kull ajrudrom li fih hemm il-pjan ta' nżul f'IMC u għal kwalunkwe ajrudromi alternattivi magħżula.

SPO.IDE.H.225 Transponder

Meta jkun hemm bżonnu mill-ispazju tal-ajru li fih issir it-titjira, il-ħelikopters għandhom ikunu mgħammra bi transponder għar-radar sekondarju ta' sorveljanza (SSR) bil-funzjonalitajiet meħtieġa kollha.

Sezzjoni 3 — Gliders

SPO.IDE.S.100 Strumenti u tagħmir — ġenerali

- (a) L-istrumenti u t-tagħmir meħtieġa minn din is-Subparti għandhom ikunu approvati skont ir-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà applikabbli jekk huma:
- (1) użati mill-ekwipaġġ tat-titjira biex jikkontrolla l-mogħdija tat-titjira, biex ikun hemm konformità ma' SPO.IDE.S.145 u SPO.IDE.S.150; jew
 - (2) installati fil-gliders.
- (b) L-oġġetti li ġejjin, meta jkunu meħtieġa minn din is-Subparti, ma jeħtiġux approvazzjoni tat-tagħmir:
- (3) id-dawl awtonomu li jinġarr,
 - (2) l-istrument ta' ħin preċiż, u
 - (3) it-tagħmir ta' salvataġġ u tas-sinjali.
- (c) L-istrumenti u t-tagħmir li mhumiex meħtieġa minn din is-Subparti kif ukoll kwalunkwe tagħmir ieħor li mhuwiex meħtieġ minn Annessi applikabbli oħrajn, iżda li jinġarru fuq titjira, għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej:
- (1) it-tagħrif ipprovdut minn dawn l-istrumenti, tagħmir jew aċċessorji ma għandux jintuża mill-ekwipaġġ tat-titjira biex ikun hemm konformità mal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 216/2008; u
 - (2) l-istrumenti u t-tagħmir ma għandhomx jaffettwaw l-ajrunavigabbiltà tal-gliders, lanqas fil-każ ta' ħsarat jew malfunzjoni.
- (d) L-istrumenti u t-tagħmir għandhom ikunu lesti għall-użu jew aċċessibbli mill-istazzjon fejn ikun bilqiegħda l-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira li jeħtieġ jużahom.
- (e) It-tagħmir ta' emerġenza kollu meħtieġ għandu jkun faċilment aċċessibbli għal użu minnufih.

SPO.IDE.S.105 Tagħmir minimu għat-titjira

Titjira ma għandhiex tinbeda meta kwalunkwe wieħed mill-istrumenti, oġġetti tat-tagħmir jew funzjonijiet tal-gliders meħtieġa għat-titjira ppjanata jkunu inoperattivi jew neqsin, sakemm:

- (a) il-gliders ma jitħaddimx skont l-MEL, jekk tkun stabbilita; jew
- (b) il-gliders ma jkunx soġġett għal permess biex itir maħruġ skont ir-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà applikabbli.

SPO.IDE.S.120 Operazzjonijiet skont il-VFR — strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni

- (a) Il-gliders imħaddma skont il-VFR matul il-jum għandhom ikunu mgħammra b'mezzi ta' tkejjil u wiri ta' dan li ġej:

- (1) fil-każ ta' gliders imħaddma bil-mutur, il-pruwa manjetika.
 - (2) il-ħin f'sigħat, minuti u sekondi,
 - (3) l-altitudni tal-pressjoni, u
 - (4) il-veloċità tal-ajru indikata.
- (b) Minbarra (a), il-gliders operati f'kundizzjonijiet li fihom il-glider ma jistax jinżamm f'attitudni mixtieqa bla referenza għal strument addizzjonali wieħed jew aktar, għandhom ikunu mgħammra b'mezz li jkejjel u juri:
- (1) il-veloċità vertikali,
 - (2) l-attitudni jew id-dawran u ż-żelqa, u
 - (3) il-pruwa manjetika.

SPO.IDE.S.120 Titjiriet fl-Isħab — stumenti tat-titjir u tan-navigazzjoni

Il-gliders li jwettqu titjiriet fl-isħab għandhom ikunu mgħammra b'mezz li jkejjel u juri:

- (a) il-pruwa manjetika,
- (b) il-ħin f'sigħat, minuti u sekondi,
- (ċ) l-altitudni tal-pressjoni,
- (d) il-veloċità tal-ajru indikata,
- (e) il-veloċità vertikali, u
- (f) l-attitudni jew id-dawran u ż-żelqa.

SPO.IDE.S.125 Sedili u sistemi ta' trażżin

- (a) Il-gliders għandhom ikunu mgħammra b':
 - (1) sedil għal kull persuna abbord; u
 - (2) ċinturin tas-sigurtà b'sistema ta' trażżin mis-sider għal kull sedil skont l-AFM.
- (b) Ċinturin tas-sigurtà b'sistema ta' trażżin mis-sider għandu jkollu punt uniku ta' rilaxx.

SPO.IDE.S.130 Ossiġenu supplimentali

Il-gliders operati f'altitudnijiet ta' pressjoni ogħla minn 10 000 ft għandhom ikunu mgħammra b'apparat għall-ħżin u t-tqassim ta' ossiġenu li jgħorr biżżejjed ossiġenu għan-nifs biex jaqdi:

- (a) lill-membri kollha tal-ekwipaġġ għal kwalunkwe perjodu li jaqbeż it-30 minuta meta l-altitudni tal-pressjoni fil-kompartiment tal-kabina sejra tkun bejn 10 000 ft u 13 000 ft; u
- (b) lil kull membru tal-ekwipaġġ u speċjalist tal-kompitu għal kwalunkwe perjodu li matulu, l-altitudni tal-pressjoni sejra tkun ta' iktar minn 13 000 ft.

SPO.IDE.S.135 Titjira fuq l-ilma

Il-bdot fil-kmand ta' glider operat fuq l-ilma għandu jiddetermina r-riskji għas-sopravvivenza tal-okkupanti tal-glider fil-każ ta' nżul ta' emerġenza, li fuq il-bażi tagħhom għandu jiddetermina l-ġarr ta':

- (a) ġakketta ta' salvataġġ jew apparat ta' tagħwim individwali ekwivalenti għal kull persuna abbord, li għandhom jintlibsu jew jiġu stivati f'pożizzjoni li fiha jkunu immedjament aċċessibbli mis-sedil tal-persuna li għandha tagħmel użu minnhom, meta:
- (b) trasmettitur lokalizzatur ta' emerġenza (ELT) jew 'beacon' lokalizzatur personali (PLB) li jinġarr minn membru tal-ekwipaġġ jew speċjalist tal-kompitu u li kapaċi jittrasmetti b'mod simultanju fuq 121.5 MHz u 406 MHz; u
- (c) tagħmir biex isiru sinjali ta' distress, meta ssir titjira:
 - (1) fuq l-ilma lil hinn mid-distanza ta' gliding mill-art; jew
 - (2) fejn il-mogħdija ta' tluġh jew avviċinament tant tkun lil hinn fuq l-ilma li fil-każ ta' problema jkun hemm il-probabilità ta' nżul ta' emerġenza.

SPO.IDE.S.140 Tagħmir ta' sopravvivenza

Il-gliders operati fuq żoni li fihom, it-tiftix u s-salvataġġ ikunu partikolarment diffiċli għandhom ikunu mġhammra b'apparati ta' senjalar u tagħmir ta' salvataġġ bħal dak, kif ikun xieraq għaż-żona li fuqha ssir it-titjira.

SPO.IDE.S.145 Tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju

- (a) Fejn ikun meħtieġ mill-ispazju tal-ajru li fuqu jittajru, il-gliders għandhom ikunu mġhammra b'tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju li kapaċi jagħmlu komunikazzjoni bidirezzjonali ma' dawk l-istazzjonijiet ajrunawtiċi jew dawk il-frekwenzi biex jilhq u r-reqwiziti tal-ispazju tal-ajru.
- (b) It-tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju, jekk ikun meħtieġ minn (a), għandu jipprovdi għal komunikazzjoni fuq il-frekwenza ta' emerġenza ajrunawtika ta' 121.5 MHz.

SPO.IDE.S.150 Tagħmir għan-navigazzjoni

Il-gliders għandhom ikunu mġhammra bi kwalunkwe tagħmir ta' navigazzjoni meħtieġ biex jipproċedu skont:

- (a) il-pjan tat-titjira tal-ATS, jekk applikabbli; u
- (b) ir-reqwiziti applikabbli tal-ispazju tal-ajru.

SPO.IDE.S.155 Transponder

Meta jkun hemm bżonnu mill-ispazju tal-ajru li fih issir it-titjira, il-gliders għandhom ikunu mġhammra b'transponder għar-radar sekondarju ta' sorveljanza (SSR) bil-funzjonalitajiet meħtieġa kollha.

Sezzjoni 4 — Blalen tal-arja

SPO.IDE.B.100 Strumenti u tagħmir — ġenerali

- (a) L-istrumenti u t-tagħmir meħtieġa minn din is-Subparti għandhom ikunu approvati skont ir-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà applikabbli jekk huma:
- (1) użati mill-ekwipaġġ tat-titjira biex jiddetermina l-mogħdija tat-titjira, biex ikun hemm konformità ma' SPO.IDE.B.145; jew
 - (2) installati fil-ballun tal-arja.
- (b) L-oġġetti li ġejjin, meta jkunu meħtieġa minn din is-Subparti, ma jeħtiġux approvazzjoni tat-tagħmir:
- (3) id-dawl awtonomu li jinġarr,
 - (2) strument ta' ħin preċiż,
 - (3) il-kitt tal-ewwel għajnuna, u
 - (4) it-tagħmir ta' salvataġġ u tas-sinjali,
- (ċ) L-istrumenti u t-tagħmir li mhumiex meħtieġa minn din is-Subparti kif ukoll kwalunkwe tagħmir ieħor li mhuwiex meħtieġ minn Annessi applikabbli oħrajn, iżda li jinġarru fuq titjira, għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej:
- (1) it-tagħrif ipprovdut minn dawn l-istrumenti, tagħmir jew aċċessorji ma għandux jintuża mill-ekwipaġġ tat-titjira biex ikun hemm konformità mal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 216/2008; u
 - (2) l-istrumenti u t-tagħmir ma għandhomx jaffettwaw l-ajrunavigabbiltà tal-ballun tal-arja, lanqas fil-każ ta' ħsarat jew malfunzjoni.
- (d) L-istrumenti u t-tagħmir għandhom ikunu lesti għall-użu jew aċċessibbli mill-istazzjon fejn ikun assenjat il-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira li jeħtieġ jużahom.
- (e) It-tagħmir ta' emerġenza kollu meħtieġ għandu jkun faċilment aċċessibbli għal użu minnufih.

SPO.IDE.B.105 Tagħmir minimu għat-titjira

Titjira ma għandhiex tinbeda meta kwalunkwe wieħed mill-istrumenti, oġġetti tat-tagħmir jew funzjonijiet tal-ballun tal-arja meħtieġa għat-titjira ppjanata jkunu inoperattivi, sakemm:

- (a) il-ballun tal-arja ma jitħaddimx skont il-MEL, jekk tkun stabbilita; jew
- (b) il-ballun tal-arja ma jkunx soġġett għal permess biex itir maħruġ skont ir-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà applikabbli.

SPO.IDE.B.110 Dwal operattivi

Il-blalen tal-arja operati bil-lejl għandhom ikunu mgħammra b':

- (a) dwal ta' pożizzjoni;

- (b) mezz li jipprovdi illuminazzjoni adegwata għall-istrumenti u t-tagħmir kollha essenzjali għall-operazzjoni sigura tal-ballun tal-arja;
- (c) dawl awtonomu li jinġarr; u
- (d) għal blalen li jaħdmu bl-arja sħuna, dan li ġej:
 - (3) dawl ta' nżul, u
 - (2) dawl ta' kontra l-ħabtiet;

SPO.IDE.B.115 Operazzjonijiet skont il-VFR — strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni u tagħmir assoċjat

Il-blalen tal-arja operati skont il-VFR matul il-jum għandhom ikunu mgħammra b'dan li ġej:

- (a) mezz li juri d-direzzjoni tal-kurrent; u
- (b) mezz li jkejje u juri:
 - (1) il-ħin f'sigħat, minuti u sekondi;
 - (2) il-veloċità vertikali, jekk meħtieġa mill-AFM; u
 - (3) l-altitudni tal-pressjoni, jekk meħtieġa mill-AFM, jekk meħtieġa mir-reqwiziti tal-ispazju tal-ajru jew meta l-altitudni tkun trid tiġi kkontrollata għall-użu tal-ossiġenu.

SPO.IDE.B.120 Kitt tal-ewwel għajnuna

- (a) Il-blalen tal-arja għandhom ikunu mgħammra b'kitt tal-ewwel għajnuna.
- (b) Il-kitt tal-ewwel għajnuna għandha tkun:
 - (1) aċċessibbli minnufih għall-użu; u
 - (2) miżmuma aġġornata.

SPO.IDE.B.121 Ossiġenu supplimentali

Il-blalen tal-arja operati f'altitudnijiet ta' pressjoni ogħla minn 10 000 ft għandhom ikunu mgħammra b'apparat għall-ħżin u t-tqassim ta' ossiġenu li jgħorr biżżejjed ossiġenu għan-nifs biex jaqdi:

- (a) lill-membri kollha tal-ekwipaġġ għal kwalunkwe perjodu li jaqbeż it-30 minuta meta l-altitudni tal-pressjoni fil-kompartiment tal-kabina sejra tkun bejn 10 000 ft u 13 000 ft; u
- (b) lil kull membru tal-ekwipaġġ u speċjalist tal-kompitu għal kwalunkwe perjodu li matulu, l-altitudni tal-pressjoni sejra tkun ta' iktar minn 13 000 ft.

SPO.IDE.B.125 Pompi tal-idejn għat-tifi tan-nar

Il-blalen li jaħdmu bl-arja sħuna għandhom ikunu mgħammra b'tal-inqas pompa waħda tal-idejn għat-tifi tan-nar.

SPO.IDE.B.130 Titjira fuq l-ilma

Il-bdot fil-kmand ta' ballun tal-arja operat fuq l-ilma għandu jiddetermina r-riskji għas-sopravvivenza tal-okkupanti tal-ballun tal-arja fil-każ ta' nżul ta' emerġenza, li fuq il-bażi ta' tagħhom għandu jiddetermina l-ġarr ta':

- (a) ġakketta ta' salvataġġ għal kull persuna abbord, li għandha tintlibes jew tkun stivata f'pożizzjoni li fiha tkun immedjatament aċċessibbli mill-istazzjon tal-persuna li għandha tagħmel użu minnha, meta:
- (b) trasmettitur lokalizzatur ta' emerġenza (ELT) jew 'beacon' lokalizzatur personali (PLB) li jinġarr minn membru tal-ekwipaġġ jew speċjalist tal-kompitu u li kapaċi jittrasmetti b'mod simultanju fuq 121.5 MHz u 406 MHz; u
- (c) it-tagħmir biex isiru sinjali ta' distress.

SPO.IDE.B.135 Tagħmir ta' sopravvivenza

Il-blalen tal-arja operati fuq żoni li fihom, it-tiftix u s-salvataġġ ikunu partikolarment diffiċli għandhom ikunu mġammra b'apparati ta' sinjalar u tagħmir ta' salvataġġ bħal dak, kif ikun xieraq għaż-żona li fuqha ssir it-titjira.

SPO.IDE.B.140 Tagħmir mixxelanju

Il-blalen tal-arja għandhom ikunu mġammra b'ingwanti protettivi għal kull membru tal-ekwipaġġ.

- (b) Il-blalen li jaħdmu bl-arja sħuna u l-blalen imħallta għandhom ikunu mġammra b':
 - (1) sors alternattiv ta' tqabbid;
 - (2) mezz li jkejjel u jindika l-kwantità ta' fjuwil;
 - (3) kutra jew kisi reżistenti għan-nar; u
 - (4) ħabel (drop line) b'tul minimu ta' 25 metru (m).
- (c) Il-blalen tal-gass għandhom ikunu mġammra b'sikkina.

SPO.IDE.B.145 Tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju

- (a) Fejn ikun meħtieġ mill-ispazju tal-ajru li fuqu jittajru, il-blalen tal-arja għandhom ikunu mġammra b'tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju li kapaċi jgħaddi komunikazzjoni bidirezzjonali ma' dawk l-istazzjonijiet ajrunawtiċi jew dawk il-frekwenzi biex jilħaq ir-rekwiżiti tal-ispazju tal-ajru.
- (b) It-tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju, jekk ikun meħtieġ minn (a), għandu jipprovdi għal komunikazzjoni fuq il-frekwenza ta' emerġenza ajrunawtika ta' 121.5 MHz.

SPO.IDE.B.150 Transponder

Meta jkun hemm bżonnu mill-ispazju tal-ajru li fih issir it-titjira, il-blalen tal-arja għandhom ikunu mġammra bi transponder għar-radar sekondarju ta' sorveljanza (SSR) bil-funzjonalitajiet meħtieġa kollha.

Subparti E — Rekwiżiti ġenerali

Sezzjoni 1 — Operazzjonijiet ta' tagħbija biċ-ċinga esterna bil-ħelikopter (HESLO)

SPO.SPEC.HESLO.100 Proċeduri operattivi standard

- (a) L-operatur għandu jivvaluta l-kumplessità tal-attività biex jiddetermina l-perikli u r-riskji assoċjati li jkunu inerenti fl-operazzjoni;
- (b) L-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri operattivi standard li jispeċifikaw:
 - (1) it-tagħmir li jrid jinġarr, inklużi l-limitazzjonijiet operattivi tiegħu u l-entrati xierqa fil-MEL, kif applikabbli;
 - (2) ir-rekwiżiti ta' kompożizzjoni u esperjenza tal-ekwipaġġ għall-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti;
 - (3) it-taħriġ relevanti għall-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti biex iwettqu l-kompitu tagħhom u l-kwalifika u n-nominazzjoni ta' persuni li jipprovdu t-tali taħriġ lill-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti;
 - (4) ir-responsabilitajiet u d-dmirijiet tal-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti;
 - (5) il-kriterji ta' prestazzjoni li hemm bżonn jintlaħqu biex jitwettqu operazzjonijiet HESLO;
 - (6) il-proċeduri normali, anormali u ta' emerġenza tal-membri tal-ekwipaġġ u tal-ispeċjalisti tal-kompiti.

SPO.SPEC.HESLO.105 Tagħmir speċifiku għall-HESLO

Il-ħelikopter għandu jkun mġammar b':

- (a) mera waħda għas-sigurtà tal-merkanzija jew mezz alternattiv biex wieħed jara l-ganċ(ijiet)/tagħbija; u
- (b) metru wieħed ta' tagħbija, sakemm ma jkunx hemm metodu ieħor għad-determinazzjoni tal-piż tat-tagħbija.

SPO.SPEC.HESLO.110 It-trasport ta' oġġetti perikolużi

L-operatur li jittrasporta l-oġġetti perikolużi lejn jew minn siti mingħajr ekwipaġġ jew postijiet remoti għandu japplika mal-awtorità kompetenti għal eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet tal-Istruzzjonijiet Tekniċi jekk ikun beħsiebu ma jikkonformax ma' rekwiżiti oħrajn ta' dawk l-Istruzzjonijiet.

Sezzjoni 2 — Operazzjonijiet ta' bnedmin bħala merkanzija esterna (HEC)**SPO.SPEC.HEC.100 Proċeduri operattivi standard**

- (a) L-operatur għandu jivvaluta l-kumplessità tal-attività biex jiddetermina l-perikli u r-riskji assoċjati li jkunu inerenti fl-operazzjoni;
- (b) L-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri operattivi standard li jispeċifikaw:
 - (1) it-tagħmir li jrid jinġarr, inklużi l-limitazzjonijiet operattivi tiegħu u l-entrati xierqa fil-MEL, kif applikabbli;
 - (2) ir-rekwiżiti ta' kompożizzjoni u esperjenza tal-ekwipaġġ għall-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti;
 - (3) it-taħriġ relevanti għall-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti biex iwettqu l-kompitu tagħhom u l-kwalifika u n-nominazzjoni ta' persuni li jipprovdu t-tali taħriġ lill-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti;
 - (4) ir-responsabbiltajiet u d-dmirijiet tal-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti;
 - (5) il-kriterji ta' prestazzjoni li hemm bżonn jintlaħqu biex jitwettqu operazzjonijiet HEC;
 - (6) il-proċeduri normali, anormali u ta' emerġenza tal-membri tal-ekwipaġġ u tal-ispeċjalisti tal-kompiti.

SPO.SPEC.HEC.105 Tagħmir speċifiku għall-HEC

- (a) Il-ħelikopter għandu jkun mgħammar b':
 - (1) it-tagħmir għal operazzjonijiet bil-parank;
 - (2) ganċ tal-merkanzija
 - (3) mera waħda għas-sigurtà tal-merkanzija jew mezz alternattiv biex wieħed jara l-ganċ; u
 - (4) metru wieħed ta' tagħbija, sakemm ma jkunx hemm metodu ieħor għad-determinazzjoni tal-piż tat-tagħbija.
- (b) L-installazzjoni tat-tagħmir kollu bil-parank u bil-ganċ għall-merkanzija u kwalunkwe modifiki sussegwenti għandu jkollhom approvazzjoni tal-ajrunavigabbiltà xierqa għall-funzjoni maħsuba.

Sezzjoni 3 — Operazzjonijiet bil-paraxut (PAR)**SPO.SPEC.PAR.100 Proċeduri operattivi standard**

- (a) L-operatur għandu jivvaluta l-kumplessità tal-attività biex jiddetermina l-perikli u r-riskji assoċjati li jkunu inerenti fl-operazzjoni;
- (b) L-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri operattivi standard li jispeċifikaw:
 - (1) it-tagħmir li jrid jinġarr, inklużi l-limitazzjonijiet operattivi tiegħu u l-entrati xierqa fil-MEL, kif applikabbli;

- (2) ir-rekwiżiti ta' kompożizzjoni u esperjenza tal-ekwipaġġ għall-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti;
- (3) it-taħriġ relevanti għall-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti biex iwettqu l-kompitu tagħhom u l-kwalifika u n-nominazzjoni ta' persuni li jipprovdu t-tali taħriġ lill-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti;
- (4) ir-responsabbiltajiet u d-dmirijiet tal-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti;
- (5) il-kriterji ta' prestazzjoni li hemm bżonn jintlaħqu biex jitwettqu operazzjonijiet bil-paraxut;
- (6) il-proċeduri normali, anormali u ta' emerġenza tal-membri tal-ekwipaġġ u tal-ispeċjalisti tal-kompiti.

SPO.SPEC.PAR.105 Ġarr ta' membri tal-ekwipaġġ u speċjalisti tal-kompiti

Ir-rekwiżit stabbilit f'SPO.GEN.106(c) mhuwiex applikabbli għall-ispeċjalisti tal-kompiti li jwettqu qabżiet bil-paraxut.

SPO.SPEC.PAR.110 Sedili

Minkejja SPO.IDE.A.160(a) u SPO.IDE.H.160(a)(1), l-art tista' tintuża bħala sedil, dejjem jekk ikun hemm mezz għad-dispożizzjoni tal-ispeċjalist tal-kompitu biex iżomm jew jintrabat miegħu.

SPO.SPEC.PAR.115 Ossiġnu supplimentali

Minkejja SPO.OP.195(a), ir-rekwiżit li jintuża ossiġnu supplimentali mhuwiex applikabbli għall-ispeċjalisti tal-kompiti li jwettqu dmirijiet essenzjali għall-kompitu speċjalizzat kull meta l-altitudni tal-kabina:

- (a) tkun taqbeż it-13,000 ft għal perjodu ta' mhux iktar minn 6 minuti.
- (b) tkun taqbeż il-15,000 ft għal perjodu ta' mhux iktar minn 3 minuti.

SPO.SPEC.PAR.120 Titjira fuq l-ilma

Meta jgħorr iktar minn 6 persuni, il-bdot fil-kmand ta' ballun tal-arja operat fuq l-ilma għandu jiddetermina r-riskji għas-sopravvivenza tal-okkupanti tal-ballun tal-arja fil-każ ta' nżul ta' emerġenza, li fuq il-bażi tagħhom għandu jiddetermina l-ġarr ta' trasmettatur lokalizzatur ta' emerġenza (ELT) li kapaċi jitrasmetti b'mod simultanju fuq 121.5 MHz u 406 MHz.

SPO.SPEC.PAR.125 Ir-rilaxx ta' oġġetti perikolużi

Minkejja SPO.GEN.160, il-parakadutisti jistgħu joħorġu mill-inġenju tal-ajru għall-finijiet ta' wirja bil-paraxut approvata fuq żoni ta' bliet f'konġestjoni jew fuq ġemgħa fil-beraħ ta' persuni filwaqt li jgħorru strumenti li jħallu duħħan warajhom, dejjem jekk dawn ikunu manifatturati għal dan il-għan.

Sezzjoni 4 — Titjiriet ajrubatiċi (ABF)

SPO.SPEC.ABF.100 Proċeduri operattivi standard

- (a) L-operatur għandu jivvaluta l-kumplessità tal-attività biex jiddetermina l-perikli u r-riskji assoċjati li jkunu inerenti fl-operazzjoni;
- (b) L-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri operattivi standard li jispeċifikaw:
 - (1) it-tagħmir li jrid jinġarr, inklużi l-limitazzjonijiet operattivi tiegħu u l-entrati xierqa fil-MEL, kif applikabbli;
 - (2) ir-rekwiżiti ta' kompożizzjoni u esperjenza tal-ekwipaġġ għall-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti;
 - (3) it-taħriġ relevanti għall-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti biex iwettqu l-kompitu tagħhom u l-kwalifika u n-nominazzjoni ta' persuni li jipprovdu t-tali taħriġ lill-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti;
 - (4) ir-responsabbiltajiet u d-dmirijiet tal-membri tal-ekwipaġġ u l-ispeċjalisti tal-kompiti;
 - (5) il-kriterji ta' prestazzjoni li hemm bżonn jintlaħqu biex jitwettqu titjiriet ajrubatiċi;
 - (6) il-proċeduri normali, anormali u ta' emerġenza tal-membri tal-ekwipaġġ u tal-ispeċjalisti tal-kompiti.

SPO.SPEC.ABF.105 Dokumenti, manwali u tagħrif li jridu jinġarru

Id-dokumenti li ġejjin elenkati f'SPO.GEN.140(a) ma jridux jinġarru matul titjiriet ajrubatiċi:

- (a) dettalji tal-pjan tat-titjira rreġistrat tal-ATS, jekk applikabbli;
- (b) karti ajrunawtiċi attwali u xierqa għar-rotta/żona tat-titjira proposta u r-rotot kollha li fihom huwa raġonevoli li wieħed jistenna diverżjoni tat-titjira;
- (ċ) proċeduri u tagħrif tas-sinjali viżwali għall-użu minn inġenji tal-ajru li jinterċettaw u interċettati; u
- (d) tagħrif li jikkonċerna servizzi ta' tiftix u salvataġġ għaż-żona tat-titjira maħsuba.

SPO.SPEC.ABF.115 Kitt tal-ewwel għajnuna

Ir-rekwiżit stabbilit f'SPO.IDE.A.165 u SPO.IDE.H.165 li l-ajruplani u l-ħelikopters ikunu mgħammra b'kitt tal-ewwel għajnuna mhuwiex applikabbli għal titjiriet ajrubatiċi.

SPO.SPEC.ABF.120 Pompi tal-idejn għat-tifi tan-nar

Ir-rekwiżit stabbilit f'SPO.IDE.180.A li l-ajruplani jkunu mgħammra b'pompa tal-idejn għat-tifi tan-nar ma għandux japplika għal titjiriet ajrubatiċi.